**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 25 ta' Mejju 2023

Rikors Ġuramentat Numru: 147/2028 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur li permezz tiegħu ppremetta:

[1] Fol. 1.

1. *Illi l-esponenti huwa missier ta' zewg ulied minuri E B D, li twieled fit-22 ta' Mejju tas-sena 2011, u F G B D li twieldet fl-14 ta' Awwissu tas-sena 2012, minn relazzjoni li huwa kellu ma' l-intimata, certifikati tat-twelid hawn annessi u immarkati bhala Dokument 'A', u Dokument 'B' rispettivament;*

2. *Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet;*

3. *Illi l-inuri huma attwalment fil-kura u kustodja de facto ta' l-intimata;*

4. *Illi l-esponenti jezercita access ghal uliedu fost il-gimgha, filwaqt li jikkontribwixxi mensilment il-manteniment ghal uliedu;*

5. *Illi l-intimata ma tinfurmax lil esponenti dwar id-decizjonijiet edukattivi u medici relatati mal-minuri E u F G aħwa B D;*

6. *Illi jehtieg illi jigu regolati l-kura u kustodja, access, u manteniment ghal minuri E u F G ahwa B D;*

7. *Illi minkejja t-tentattivi ta' l-esponenti sabiex jintlahaq ftehim dwar l-istess anki tramite l-proceduti ta' medjazzjoni, l-intimata ma ikkoperatx u fil-fatt il-medjazzjoni kellha tinghalaq; (Dokument C);*

8. *Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha:*

1. *Tafda l-kura u kustodja tal-minuri E u F G ahwa B D f'idejn l-esponenti;*

2. *Tordna lil intimata sabiex thallas manteniment ghal minuri E u F G ahwa B D;*

3. *Fin-nuqqas ta' akkoljiment ta' l-ewwel talba, takkorda access adegwat esponenti ghal uliedu, inkluz sleepovers;*

4. *Tordna lill-intimata tikkonsulta ma' l-esponenti dwar id-decizjonijiet relatati mal-minuri E u F G ahwa B D, I jirrigwardaw sahha u edukazzjoni;*

5. *Taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li din l-Onorabbli Qorti jidrilha huma fl-ahjar interess tal-minuri E u F G ahwa B D;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-esponenti kontra l-intimata li hija ingunta minn issa in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat li r-risposta ġuramentata tal-konvenuta fejn ġie eċċepit:[2]

1. *Illi l-konvenuta giet debitament notifikata bir-rikors guramentat tar-rikorrenti bil-proċedura tal-affissjoni nhar it-13 ta' Novembru, 2018 u qeghda bir-rispett tippprezenta l-umli risposta taghha;*

2. *Illi l-esponenti tissottometti li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda in toto ghar-ragunijiet kif ser jigu prezentati u kkonfermati tul is-smiegh ta' din il-kawza;*

3. *Illi fl-ewwel lok il-konvenuta tissottometti li din il-kawza giet stitwita biss sabiex ir-rikorrenti jkomplijivvessa u johloq stress psikologiku fuq il-konvenuta u mhux ghax ghandu l-interessi tal-minuri ghal qalbu u jew ghax jixtieqilhom il-gid;*

4. *Illil-konvenuta tissottometti li l-ewwel talba attrici cioe' dik lil-kura u l-kustodja tigi fdata f'idejn ir-rikorrenti ghandha tigi michuda;*

5. *Illi l-minuri E u F G, ahwa B D li ghandhom l-eta' ta' sebgha (7) u sit (6) snin rispettivament jirrisjedu mal-Omm u ilhom jirrisjedu al-Omm sa mit-twelid taghhom u ght-tul ta' dawn is-snin kollha kienet il-komparenti Omm lihadet hsieb il-kura, kustodja, bzonnijiet u l-ghejxien tal-minuri;*

6. *Illi r-rikorrenti qatt ma hallas manteniment u jewikkontribwixxa ghal ghejxien tal-minuri, kien biss wara li gie prezentat ikors mill-konvenuta titlob lil dina l-Onorabbli Qorti tiffissa retta alimentarja ghaf-favur il-minuri li r-rikorrenti beda jivversa manteniment fl-ammont ta' erba' mitt*

[2] Fol. 19.

*ewro (€400) mensili – digriet anness u mmarkat Dok. 'A' datat 6 ta' Settembru, 2017 liemma digriet jindika x-xahar u s-sena minn meta r-rikorrenti beda jivversa manteniment ghaf-favur il-minuri;*

7. *Illi r-rikorrenti qatt ma hallas jewikkontribwixxa ghal nofs l-ispejjez ta' sahha, medicina u edukazzjoni u nonostante digriet moghti datat 6 ta' Settembru 2017, hlief ghal darba wahda biss meta minn spiza totali fl-ammont ta' tmien mitt ewro (€800), r-rikorrenti ghadda cekk fl-ammont ta' mitejn ewro (€200), minn dak il-pagament sal-gurata ta' llum ir-rikorrenti xorta wahda jirrifjutha li jikkontribwixxi ghal sehemu minn dawn l-ispejjez;*

8. *Illi l-iskuza tar-rikorrenti ghalfejn ma jivversax sehemu mill-ispiza hi li l-konvenuta ma tikkonsultax mieghu dwar l-uniformi, kotba (meta mitluba), stationery u bzonijiet ohra li l-minuri jkunu jehtiegu fil-bidu tas-sena skolastika. Il-konvenuta tirrileva li dawn huma bzonnijiet necessarji, ordinarji u bazici u fil-verita' ma hemmx x'wiehed jiddiskuti jinxtrawx jew le. Jekk indument mil-uniformi m'ghadux tal-qies tal-minuri jew tqatta' jew tqabar, huwa fatt li jrid jinxtara. L-istess jinghad ghal kotba (li jistghu jigu ordnati jinxtraw) u stationery, dawn huma mehtiega u dwarhom zgur lima jkunx hemm diskussjoni dwar jekk parti taqbilx li jinxtraw jew le;*

9. *Illi nonostante li r-rikorrenti gie ordnat ihallas sehemu mill-ispejjez edukattivi u dawk ta' sahha, ir-rikorrenti jirrifjutha li jaghmel dan u sal-gurnata ta' llum ghad hemm pendenti diversi ammonti dovuti mir-rikorrenti;*

10. *Illi l-minuri E llum ghandu seba (7) snnin u l-minuri F G llum ghandha sitt (6) snin – illi r-rikorrenti beda jivversa manteniment hal dawn l-ahhar xhur, precizament mill-ghoti tad-digriet datat 6 ta' Settembru, 2017. Dan ifisser lighall-ewwel sitt snin u hames snin (6/5) snin mill-hajja tal-minuri ir-rikorrenti ma kontribwixxiex ghal ghejxien tal-minuri izda kienet il-komparenti Omm wahedha li hadet hsieb tikkontribwixxi ghal bzonnijiet u ghejxien tal-minuri;*

11. *Illi nonostante dan l-Omm qatt ma mpikat mar-rikorrenti jew cahditu milli jkollu kuntatt maghhom ghax dejjem gharfet li huwa dritt ta' wliedha li jkollhom kuntatt ma' missierhom. Sahansitra awtorizzat lir-rikorrenti*

*jsiefirhom minghajr il-htiega u awtorizzazzjoni tal-Qorti, ghalhekk mhuwiex minnu li l-konvenuta ma tikkoperax kif qieghed jallega r-rikorrenti;*

12. *Illi u b'rabta mal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, it-tieni talba attrici ghandha tigi michudal*

13. *Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici, l-konvenuta tirrileva li dina l-Onorabbli Qorti diga akkordat access ghaf-favur ir-rikorrenti kifindikat fl-anness digriet immarkat Dok. 'B';*

14. *Illi l-anness digriet immarkat Dok. 'B', jipprojbixxi lir-rikorrenti milli jhalli jew iressaq lil minuri fil-presenza ta' terza persuna, nonostante dina l-ordni l-konvenuta tirrileva li r-rikorrenti kontinwament jikser l-ordni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti;*

15. *Illi l-konvenuta tirrileva li meta l-minuri jkunu mar-rikorrenti matul l-isleepover, ir-rikorrenti jhalli lil minuri mal-partner tieghu, gewwa r-residenza ttal-partner tieghu Thea Camilleri L u johrog;*

16. *Illi ghaldaqstant l-access ghaf-favur il-missier kif degretat permezz tad-digriet datat 23 ta' Jannar, 2018 ghandu jkun varjat;*

17. *Illi fir-rigward tar-raba' talba, il-konvenuta ma ssib ebda diffikulta' taghmel dan diment li r-rikorrenti jieqaf ikun aggressive fil-konfront taghha kif kien fil-passat u fil-prezent, kif jixhdu d-diversi rapporti li saru fil-konfront tieghum liema rapporti ser jigu prezentati tul is-smigh ta' din il-kawza;*

18. *Illi r-rikorrenti ghandu karattru impulsive u vjolenti u huwa mpossibbli tikkomunika mieghu b'mod civili u sfortunatament tul is-snin kollha nqalghu diversi incidenti bejn il-partijiet li wasslu ghal proceduri kriminali kif jixhdu d-diversi rapporti li ser jigu prezentati tul il-kors tas-smiegh ta' dan il-kaz. Tant huwa minnu li l-psikologu tar-rikorrenti f'rapport minnu redatt kiteb li dawn huma tracci li huma evidenti fil-karattru tar-rikorrenti;*

19. *Illi l-konvenuta tixtieq li dina l-Onorabbli Qorti tahtar Avukat tat-Tfal sabiex titkellem mal-minuri u tirrelata dwar ix-xewqat taghhom marbuta*

*ma' access u dwar l-imġieba tal-partijiet fil-konfront taghhom, kif ukoll tirrelata dwar l-imgieba tal-Missier fir-rigward tal-minuri sabiex jigi assigurat li l-abbuza psikologiku li kien jezercita r-rikorrenti fuq il-konvenuta mhuwiex qieghed jigi uzat u ezercitat fil-konfront tal-minuri;*

20. *Illi l-konvenuta qeghda tipprevalixxi ruhha mid-dritt tal-kontro-talba;*

21. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

22. *Bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra r-rikorrenti minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xieda tal-konvenuta

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta li permezz tagħha ppremettiet:[3]

1. *Illi minn relazzjoni intima ta' bejn il-partijiet twieldu zewgt itfal E u F G, ahwa B D, certifikati tat-twelid annessi u mmarkati Dok. 'A' u Dok. 'B' rispettivament;*

2. *Illi mat-twelid tat-tieni wild cioe' F G B D, propju ftit granet wara l-istess twelid jigifieri matul Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012), ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet tkissret;*

3. *Illi r-rikorrenti rikonvenzjonat qatt ma vversa ebda forma ta'manteniment u qatt ma kkontribwixxa ghal nofs l-ispejjez marbuta mal-edukazzjoni, sahha u medicina u extra kurrikulari tal-istess minuri, kien biss meta l-konvenuta rikonvenjenti prezentat rikors permezz tieghu talbet lil Qorti tal-Familja tistabbilixxi dik ir-retta alimentarja mensili, kif ukoll tordna l-hlas ghas-sehem ta' nofs l-ispejjez marbuta ma' edukazzjoni, sahha, medicina u extra-kurrikulari tal-minuri, li r-rikorrenti rikonvenzjonat beda jivversa s-somma ta' erba' mitt ewro (€400) fix-xahar ghaf-favur il-minuri, cioe' mis-6 ta' Settembru, 2017 lil hinn – digriet anness u mmarkat Dok. 'C';*

4. *Illi nonostante l-ordni ghal hlas ghal nofs l-ispejjez edukattivi, sahha, medicina u extra kurrikulari, r-rikorrenti rikonvenzjonat qatt ma kkontribwixxa ghal dawn l-ispejjez hlief ghal darba wahda biss meta minn*

---

[3] Fol. 26.

*spiza totali li tammonta ghal tmien mit ewro (€800), ivversa l-ammont ta' mitejn ewro (€200) biss;*

5. *Illi l-iskuza tar-rikorrenti ghalfejn ma jivversax sehemu mill-ispiza hi li l-konvenuta ma tikkonsultax mieghu dwar l-uniformi, kotba (meta mitluba), stationery u bzonnijiet ohra li l-minuri jkunu jehtiegu fil-bidu tas-sena skolastika. Il-konvenuta tirrileva li dawn huma bzonnijiet necessarji, ordinarji u bazici u fil-verita' ma hemmx x'wiehed jiddiskuti jinxtrawx jew le. Jekk indument mill-uniformi m'ghadux tal-qies tal-minuri jew tqatta' jew tqabar, huwa fatt li jrid jinxtara. L-istess jinghad ghal kotba (li jistghu jigu ordnati jinxtraw) u stationery, dawn huma mehtiega u dwarhom zgur lima jkunx hemm diskussjoni dwar jekk parti taqbilx li jinxtraw jew le;*

6. *Illi nonostante l-fatt li r-rikorrenti rikovenzjonat ma kienx jikkontribwixxi ghal ghejxien tal-minuri, l-konvenuta qatt ma projbit lir-rikorrenti rikonvenzjonat milli jkollu kuntatt u access frekwenti u kontinwu mal-minuri ghax dejjem hasset u rriteniet li huwa bzonn li l-minuri jkollhom kuntatt ma' missierhom;*

7. *Illi kien wara li l-konvenuta prezentat rikors ghal manteniment li r-rikorrenti rikonvenzjonat prezenta huwa wkoll rikors ghal access (digriet access anness u mmarkat Dok. 'D');*

8. *Illi l-minuri kienu jattendu attivitajiet extra kurrikulari, cioe' lezzjoni tal-Arti matul il-gurnata tas-Sibt mill-hin tad-disgha (9) ta' filghodu sal-hdax (11am) filghodu u lezzjoni tal-muzika kull nhar ta' Tlieta mill-hin tas-sitta ta' filghaxija (6pm), sal-hin tas-sebghat ta' filghaxija (7pm), izda dawn il-lezzjonijiet u attivitajiet extra-kurrikulari twaqqfu mill-mument li nhareg id-digriet tal-access ghar-raġuni li r-rikorrenti rikonvenzjonat irrifjuta li fil-hin tal-access tieghu iwassal lil minuri ghal dawn l-attivitajiet extra-kurrikulari;*

9. *Illi l-minuri jattendu wkoll il-Muzew fil-gurnata tat-Tnejn u tal-Hamis mill-hin tal-erbgha u nofs ts' wara nofsinhar (4.30pm) sal-hin tas-sitta u nofs ta' filghaxija (6.30pm), izda u ghall-istess raguni ndikata supra fil-granet li r-rikorrenti rikonvenzjonat ikollu l-access, jirrifjutha lijehodhom f'dik il-gurnata li jkollu access ghaf-favur il-minuri;*

10. *Illi l-konvenuta tirrileva wkoll li kien propju fl-ahhar xhur li r-rikorrenti rikonvenzjonat involva ruhu f'dak li jikkoncerna edukazzjoni tal-minuri, liema nvolviment jikkonciedi mal-prezentata tal-proceduri ta' Medjazzjoni;*

11. *Illi fis-snin precedent ghal proceduri ta' Medjazzjoni, ir-rikorrenti rikonvenzjonat qatt ma ppartecipa jew wera ebda interess fl-edukazzjoni tal-minuri, sahha, extra-kurrikulari u lezzjonijiet tad-duttrina;*

*Ghaldaqstant l-esponenti konvenuta rikonvenjenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri E u F G ahwa B D kun fdata esklussivament lil Omm;*

2. *Tiffissa u tordna lir-rikorrenti rikonvenzjonat ihallas retta alimentarja mensili hekk kifdiga ordnata permezz ta' digriet datat 6 ta' Settembru 2017;*

3. *Tordna lir-rikorrenti ihallas arretrati ta' manteniment li tmur lura mit-twelid tal-minuri sal-hrug tad-digriet anness, cioe' sas-6 ta'Settembru 2017(vide. Dok. C);*

4. *Tordna lir-rikorenti rikonvenzjonat ihallas sehemu rapprezentanti spejjez ta' edukazzjoni kemm dawk ordinarji u straordinarji, sahha kemm dawk ordinarji u straordinarji, medicina li tinkludi izda mhux limitata ghal spejjez dentili, nuccali f'kaz ta'nzonn u spejjez u dak marbut ma' extra kurrikulari li l-minuri jattendu minn zmien ghal zmien;*

5. *Tordna lir-rikorrenti rikonvenzjonat ihallas l-arretrati rapprezentanti ricevuti tal-edukazzjoni, sahha, medicina u extra kurrikulari;*

6. *Tistabbilixxi access ghaf-favur il-komparenti missierb'dan illi ebda sleepovers m'ghandhomx jigu ffisati dan mhux biss minhabba l-fatt li r-rikorrenti diversament kiser l-ordni kif moghtija permezz tad-digriet, ukoll minhabba l-fatt li waqt l-isleepovers ir-rikorrenti jhalli lil minuri mal-partner tieghu u anke minhabba l-imgieba tal-istess rikorrenti rikonvenzjonat, digriet anness u mmarkat Dok. D;*

7. *Tordna lir-rikorrenti sabiex fil-hin tal-access u f'kaz illi l-minuri jkollhom lezzjonijiet tal-Muzew, privatijiet u extra kurrikulari ohra, ir-rikorrenti jrid iwassalhom ghal attivita' appozita;*

8. *Tahtar Avukat tat-Tfal sabiexikellem lil minuri u jirrelata dwarix-xewqat tal-minuri fir-rigward ta' access u rakomandazzjonijiet tieghu;*

9. *Bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra r-rikorrenti rikonvenzjonat minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat ix-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonata;

Rat ir-risposta tal-attur għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta,[4] li permezz tagħha eżżepixxa:

1. *L-istantima jaqbilx mal-fatti kif premessi mill-konvenuta rikonvenzjonanti, u jirrigetta l-istess.*

2. *L-esponenti jibda sabiex jissottometti li r-rikors tal-konvenuta rikonvenjenti huwa mimli gideb u inveritajiet fil-konfront tieghu li certament mhux maghmul fl-ahjar interess tal-minuri;*

3. *L-esponenti jirrileva li huwa qatt ma kellu problema jhallas l-ispejjes tal-edukazzjoni u tas-sahha ta' uliedu. Pero' jigi umilment indikat li huwa ma kienx lest ihallas fil-ghama. Huwa dejjem insista li jkun informat minn qabeldwar spejjes sostanzjali, u qatt ma rrifjutali jikkontribwixxi ghall-ispejjes ta' uliedu. Madanakollu irid jigi indikat li l-konvenuta rikonvenjenti lanqas biss tinforma lill-esponenti jekk uliedu jkunu ma jifilhux, ahseb u ara kemm tikkonsulta mieghu fuq il-bzonnijiet ta'uliedu u kemm tfornihbl-ircevuti necessarji.*

4. *L-esponenti jzid jindika I dan l-ahhar kien qed ikun il-minuri l-iehor li jinforma lill-esponenti li huwajew ohtu (skond il-kaz) ikunu ma jifilhux. Lanqas biexx jigiindikat lill-esponenti x'medicini jkunu qed jiehdu l-istess minuri, lanqas biss ir-ricetta tat-tabib ma tigi moghtija lilu, ahseb u ara*

[4] Fol. 48.

*kemm qed tigi moghtija lilu l-mmedicina tal-minuri sabiex din tinghatalhom fil-hin rrakomandat mit-tabib. Danil-fatt fih innifsu juri b'mod car u inekwivoku li sabiex timpika mal-esponenti, il-konvenuta rikonvenjenti lesta sahansira tilghab mas-sahha ta' uliedha stess.*

5. *Dwar hlas ta' manteniment, din hija ghal darba ohra gidba sfaccjata, ghax anki qabel ma hareg id-digriet relattiv ta' din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti kien diga qedjivversa retta alimentari. Fil-fatt kien hemm anki procedura quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, hekk kif preseduta mill-Magistrat Dottor (illum Imhallef) Consuelo Scerri Herrera, fejn –esponenti kien tressaq l-Qorti fuq allegat theddid meta huwa kien mar sabiex jissomminisra l-manteniment ghal uliedu. Fil-fatt dakinhar l-esponenti kien hareg liberat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Madanakollu, din ma kienetx l-unika darba li l-konvenuta rinvenjenti ghamlet l-allegazzjonijiet foloz sabiex tipprova tikseb xi vantagg. Fil-fatt f'udjenza quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, wara sensiela ta' dikjarazzjonijiet daparti taghha li hija ma kienetx tahdem, kellha fuq domanda diretta tammetti li, bhalma kien dejjem indika l-esponenti, hija kienet tahdem bhala tabiba fil-Brown's Pharmacy.*

6. *Kien interssanti wkoll il-fatt li wara sensiela ta' dikjarazzjonijiet da parti tal-konvenuta rikonvenjenti li hija ma kienetx tahdem u ghageb shih sabiex ikun hemm manteniment mill-esponenti ghax huwa jahdem u ghandu xoghol stabbli, ikkonfermat bil-gurament taghha quddiem l-istess Onorabbli Qorti li hija kienet qed tahdem bhala tabiba fil-Brown's Pharmacy.*

7. *Fir-rikors taghha, il-konvenuta rikonvenjenti taghmel anki referenza ghall-fatt lijekk l-uniformijiet ma jkunux ghadhom adegwati, dawn iridu jinbidlu. Madanakollu ma tghidx il-konvenuta rikonvenjenti kemm-il darba bghatet liluliedha bil-hwejjegimqattghin ghand l-esponenti, bl-istess esponenti jkun kostrett imur jixtrilhom hwejjeg godda. Mhux talli hekk biss, izda talli fl-access ta' wara terga' ghal darb ohra tibghathom bi hwejjeg imqattghin.*

8. *Dwar l-access mill-konvenuta rikonvenjenti, dan huwa gideb sfaccjat da parti taghha. L-esponenti ghamel numru ta'rapporti l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq fejn dejjem ilmenta dwar il-fatt li l-konvenuta rikonvenjenti*

*kienet qed tonqos milli taghtih l-access. Madanakollu, ir-rapporti tal-esponenti waqghu fuq widnejn torox ghax ghal xi raguni li jafu biss il-pulizija distrettwali, dawn thallew jaqghu preskritti.*

9. *L-esponenti sahansitra jissottoetti li tant kemm kien qieghed ikun imcahhad minn uliedu, li kellujirrikorri ghall-ghajnuna psikjatrika ta' Dott. Tortell, li ilu jsegwih ghal numru ta' xhur u lijista' jikkonferma l-isforzi kbar li ghamel l-esponenti.*

10. *Dwar l-attivitajietextra-kurrikulari, l-esponenti umilment jissottometti li bhalma jirrizulta mid-digriet ta' din l-Onorbbli Qorti, l-access lilu koncess huwa wiehed minimu. Il-problema li kien qieghed jaffaccja l-esponenti kienet li kull darba li huwa kien qed ikollu access ghal uliedu kien qed isib ruhu f'sitwazzjoni fejn l-istess minuri jkollhom xi attivita' jew ohra. Dan wassal sabiex l-access veru ghal uliedu kien qieghed jisfa' fix-xejn. Din is-sitwazzjoni bdiet tkompli tigi aggravate mill-fatt li l-konvenuta rikonvenjenti assolutament tigi taqa' u tqum minn uliedha u mill-esponenti u li lanqas biss taghmel kuntatt nmieghu sabiex dawn il-problemi jigu sorvolati. Ghalhekk l-esponenti kien f'sitwazzjoni li ma setghax jestendi l-hin tal-access halli jkun jista' jgawdi naqra lil uliedu jew inkella jittiehed il-hin tal-access f'gurnata ohra fil-weekennd meta huwa ma jkunx xoghol.*

11. *Dwar l-ahhar premessa tal-konvenuta rikonvenjenti, ossia li l-esponenti ma jiehux intereess fl-edukazzjoni ta'uliedu, jew fis-sahha taghhom, din hija ghal darb ohra gidba kbira. L-unika problema li jaffaccja l-esponenti hija l-fatt li huwa mcahhad mill-konvenuta rikonvenjenti minn kwalunkwe informazzjoni dar uliedu u ghalhekk jisfa hafna drabi fl-ghama ta' dak kollu li jikkoncerna lil uiedu. Kien biss bi sforz kbir da parti tieghu li qieghed ikun jaf b'certu sitwazzjonijiet, liema sitwazzjoni giet iffacilitata mill-fatt li l-minuri qeghdin jikbru u ghalhekk qed ikunu huma stess li jghidu lil missierhom x'inhuma l-bzonnijiet taghhom sabiex huwa jkun jista' jipprovdi ghal tali necessitajiet.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li jiddikjara li jaf bil-premessi fatti personalment, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tichad it-talbiet tal-konvenuta rikonvenjenti C D u dana in vista tal-fatti u sottomissjonijiet kontenuti fir-rikors guramentat promotur tal-istanti u skont*

*dawk hawn umilment imressqa; it-talbiet rikonvenzjonali jibqghu talbiet qarrieqa u mhux fl-ahjar interessi tal-minuri.*

*Dan that dawk il-provvedimenti kollha li din l-istess Onorabbli Qorti jidrilha li huma xierqa u opportuni fic-cirkostanzi.*

*Salv, okkorrendo, eccezzjonijiet ulterjuri u salvi u fermi t-talbiet tal-attur rikonvenzjonat kif promossi fir-rikors guramentat promotur tieghu.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta rikonvenzjonanti illi hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni, u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-esponenti.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur rikonvenzjonat;

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid ta' E B D, li jġib in-numru progressiv 1959 tas-sena 2011;[5]

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid ta' F G B D, li jġib in-numru progressiv 3889 tas-sena 2012;[6]

Rat id-digriet tal-Qorti datat 14 ta' Mejju 2018,[7] fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-terminu mpost mil-liġi;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat l-atti tal-Medjazzjoni bin-numru 539/2017 AGR u dan kif ordnat permezz ta' digriet tal-15 ta' Diċembru 2022;[8]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistant Ġudizzjarju Dr Abigail Critien,[9] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;[10]

---

[5] Fol. 5, 31.
[6] Fol. 6, 32.
[7] Fol. 7.
[8] Fol. 1316.
[9] Li ġiet maħtura għal tali fini fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 2019, a fol. 53.
[10] Fol. 1337, 1354.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[11]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Fil-qasir jingħad illi l-fatti tal-kawża odjerna huma illi l-partijiet kienu f'relazzjoni flimkien iżda ma jirriżultax li dawn qatt kienu miżżewġin, minn liema relazzjoni twieldu l-minuri E u F G, aħwa B D, nhar it-22 ta' Mejju 2011 u l-14 ta' Awwissu 2012, rispettivament. Jirriżulta illi għal numru ta' raġunijiet varji tali relazzjoni sfaxxat fix-xejn. Fid-dawl ta' dan, il-minuri spiċċaw jgħixu mal-konvenuta fid-dar tan-nannu matern tagħhom ġewwa Ħal-Safi. Madanakollu ma jidhirx li hemm qbil dwar il-kura, kustodja, aċċess, manteniment u arretrati ta' mnteniment tal-istess minuri, u għalhekk l-attur ippreżenta l-kawża odjerna, filwaqt li l-konvenuta pprevalixiet ruħha mid-dritt tal-kontro-talba, b'dana illi ż-żewġ partijiet qegħdin jitolbu lill-Qorti sabiex tirregola formalment is-sitwazzjoni tal-minuri permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti għandha quddiemha kawża fejn:

i. L-attur qiegħed jitlob illi l-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata esklussivament lilu, b'dana illi l-konvenuta tħallas manteniment adegwat għal minuri, u fin-nuqqas li l-Qorti tordna dan, jitlob illi takkordalu aċċess għal minuri li jinkludi *sleepovers* kif ukoll illi jiġi kkonsultat rigward kull deċiżjoni li tittieħed fuq il-minuri mill-aspett edukattiv u ta' saħħa, u min-naħa l-oħra,

ii. Il-konvenuta titlob illi l-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata esklussivament lilha, b'dana illi l-attur għandu jħallas manteniment adegwat għall-minuri flimkien ma sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajjet extra-kurrikulari. Barra minn hekk titlob illi l-attur iħallas arretrati ta' manteniment u spejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajet extra-

[11] Fol. 1318.

kurrikulari sa mid-data tat-twelid tal-minuri, kif ukoll li jiġi akkordat aċċess bla *sleepovers*.

## 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:

*<u>Il-Verżjoni tal-Attur u l-Provi Mresqa Minnu:</u>*

L-attur xehed permezz ta' affidavit,[12] fejn saħaq illi l-partijiet bdew jitkellmu fis-sena 2010 meta ltaqgħu fuq il-post tax-xogħol fejn it-tnejn kienu joqghodu jitħaddtu fuq il-problemi tagħhom. Eventwalment, huma bdew relazzjoni u l-konvenuta ħarġet tqila bl-ewwel wild fejn kienu ferħanin immens. L-attur jgħid illi huwa dejjem kien involut fil-ħajja ta' uliedu, u kif ukoll li dejjem ikkontribwixxa finanzjarjament. Madanakollu jgħid li maż-żmien, il-konvenuta bdiet tagħmel minn kollox biex taqtgħu minn ħajjet it-tfal u ma tħalliħx ikun involut billi ma tinfurmahx dwar ċertu affarijiet relatati mal-minuri.

L-attur jispjega li fil-mument li twieled E, il-partijiet kienu qegħdin jgħixu ġewwa Birżebbuġa f'appartament tal-konvenuta u missierha. Madanakollu jispjega li t-tifel qatt ma raqad magħhom għax missier il-konvenuta ried li dan jorqod miegħu, altrimenti kien jaqta' lill-konvenuta mill-wirt. L-istess ġara meta twieldet it-tieni tarbija. Barra minn hekk, il-konvenuta qatt ma riedet xi forma ta' relazzjoni ma' ulied il-konvenut imwielda minn relazzjoni preċedenti, u kienet ħafna riżervata dwar dak li jiġri fid-dar tal-ġenituri tagħha.

Meta r-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet, il-konvenuta bdiet tgħix fl-istess dar ma' missierha. L-attur jgħid li jaf li l-konvenuta ġieli toqgħod id-dar liebsa indiċenti u b'hekk jibża' li dan l-aġir jiġi influwenzat fuq bintu minuri. Jispjega ukoll illi l-konvenuta ħabrieka għax-xogħol, iżda kienet kontrollata ferm minn ommha u missierha, tant li l-flus li kienet iddaħħal kienet tagħtihom lilhom biex joħduhomlha l-bank sabiex jitħallas il-*loan* li kellha, b'dana li flus għal ħajja soċjali ma kienx ikollha. It-tfal bdew maż-żmien bdew jigdbu u jaħbu, u skontu qegħdin jiġu *brainwashed*. Nonostante dan, l-attur jgħid li huwa jipprova jkollu relazzjoni tajba ma' uliedu, fejn matul il-ħin ta' aċċess jipprova joħodhom f'postijiet addattati u jorganizzalhom diversi attivitajiet. Jispjega li dak li jdejqu huwa kif il-konvenuta u missierha jippruvaw jaqtgħu lill-attur minn ħajjet il-minuri. Ma jixtieqx illi jiġi maqtugħ mill-kura u kustodja ta' uliedu, għaliex huwa dejjem ikkoopera. Jispjega li l-konvenuta qatt ma tatu l-opportunita' li jagħti l-

[12] Fol. 264.

opinjoni tiegħu fejn jidħlu t-tfal, la fit-trobbija, la fl-edukazzjoni, la fis-saħħa u lanqas fl-attivitajiet extra-kurrikulari.

Magħdud mal-premess, l-attur jgħid li waqt l-aċċess it-tfal qed ikollhom ħafna *extra work* li tatihom ommhom. Għalhekk iħoss li l-ħin tal-aċċess huwa wieħed limitat. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-manteniment, l-attur jgħid li bħala missier responsabbli huwa dejjem ħallas manteniment għal uliedu.

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, l-attur ipreżenta s-segwenti provi:

a. *Kartolina magħmula mit-tfal għall-attur*;[13]

b. *Affidavit ta' H B I*,[14] ossija iben l-attur, debitament maħluf u ppreżentat nhar l-24 ta' Frar 2020, fejn jikkonferma l-verżjoni ta' missieru u jikkonferma li l-attur huwa missier tajjeb;

c. *Affidavit ta' J B I*,[15] ossija iben l-attur, debitament maħluf u ppreżentat nhar l-24 ta' Frar 2020, fejn jikkonferma l-verżjoni ta' missieru u jikkonferma li l-attur huwa missier tajjeb;

d. *Ix-xhieda tal-intimata in subizzjoni*,[16] fejn iddikjarat li flimkien mal-attur għandha żewġt itfal, iżda ma humiex miżżewġin. Tispjega li għandha *clinic space* ġewwa Brown's Pharmacy tal-Raħal il-Ġdid u ta' dan hija ma tħallas xejn. Tispjega ukoll li ma għandha l-ebda klinika privata u fil-passat kienet taħdem mal-Gvern sal-2011. Tgħid li t-tfal jgħixu magħha u dan sa mit-twelid, li flimkien jgħixu mal-missierha li jgħinha anke fit-trobbija tat-tfal;

a. *Ix-xhieda ta' Maria Dolores Fenech in rapprezentanza ta' reġistratur tal-Qorti Kriminali*,[17] fejn ippreżentat: (i) taħrika lill-attur sabiex jidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar id-9 ta' Mejju 2017,[18] (ii) verbal tas-seduta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kontra l-attur, fejn il-partijiet obbligaw rwieħhom li ma jagħmlux kuntatt, idejqu jew jivvessaw lil xulxin, u komunikazzjoni bejn il-missier u t-tfal issir tramite l-*mobile phone* mixtri apposta f'ħinijiet raġjonevoli, u għalhekk iritiraw ir-rapport

[13] Fol. 271 – 272.
[14] Fol. 273.
[15] Fol. 275.
[16] Fol. 90.
[17] Fol. 100, 553.
[18] Fol. 103.

kontra xulxin,[19] (iii) taħrika lill-konvenuta sabiex tidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-3 ta' Jannar 2017,[20] (iv) verbal tas-seduta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kontra l-konvenuta, fejn il-partijiet obbligaw rwieħhom li ma jagħmlux kuntatt, idejqu jew jivvessaw lil xulxin, u komunikazzjoni bejn il-missier u t-tfal issir tramite l-*mobile phone* mixtri apposta f'ħinijiet raġjonevoli, u għalhekk irtiraw ir-rapport kontra xulxin,[21] u (v) sentenza fl-ismijiet ***Pulizija vs A B*** mogħtija nhar it-30 ta' Settembru 2020 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminalim fejn ma ġiex misjub ħati tal-akkużi miġjuba kontrih;[22]

b. *Ix-xhieda ta' WPC 216 Charmaine Fenech in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija*,[23] fejn ippreżentat ir-rapporti li saru mill-partijiet kontra xulxin rigward inċidenti: (i) fejn it-tfal ġew imħollija waħedhom, (ii) tfal ma jingħatawx għall-aċċess, (iii) l-partijiet ma jirrispondux iċ-ċellulari, (iv) nuqqas ta' ħin mat-tfal fuqil-*mobile*, (v) telefonati ta' tgħajjir u theddid, (vi) telefonati anonimi, u (vii) tfal jiġu tard lura mill-aċċess;[24]

c. *Dokument maħruġ minn Malcolm Tortell* fejn saħaq illi *"Mr B presented voluntarily for therapy in April of 2017 and has been regularly attending for sessions since. (...) He is also concurrently receiving treatment from another professional. Hs stated agenda for therapy was for him to learn to control his frustration and anger and related behaviours in relation to his ex-partner and mother of his children. Mr. B was open about his history of violent impulses and previous threatening behaviour and wanted to change them, realising that they could only do harm and that they threatened his relationship with his children. During the months that Mr. B has been attending sessions he has made progress on his issues. (...) Mr. B's main motivation is his children's well being and his relationship with them"*;

d. *Dokument maħruġ minn Dr Anthony Dimech*, fejn ġie ddikjarat illi *"the above person is under my care for the treatment of emotional dysfunction/anger management in the context of difficult life circumstances"*;

[19] Fol. 104.
[20] Fol. 105.
[21] Fol. 106.
[22] Fol. 556.
[23] Fol. 152.
[24] Fol. 157 – 223.

e. *Ix-xhieda ta' Eunice Grech Fiorini in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qorti u Tribunali Kriminali*,[25] fejn ippreżentat sentenza fl-ismijiet ***Pulizija vs A B***, mogħtija nhar it-8 ta' Marzu 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn l-attur ma nstabx ħati tal-akkużi miġjuba kontrih;[26]

f. *Ix-xhieda ta' Patrizia Salerno in rappreżentanza ta' APS Bank*,[27] fejn tikkonferma li ma hemm l-ebda kont fuq isem il-konvenuta;

g. *Ix-xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc*,[28] fejn tikkonferma li fuq isem il-konvenuta hemm kont wieħed tat-tip *savings account* bin-numru 40025009499;[29]

h. *Ix-xhieda ta' Lorraine Attard in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta*,[30] fejn ikkonfermat illi fuq isem il-konvenuta sabet is-segwenti kontijiet: (i) *savings account* bin-numru 074074337050,[31] (ii) *current account* bin-numru 078079613001,[32] (iii) *savings account* bin-numru 078079613050,[33] (iv) *term deposit account* bin-numru 078079613119,[34] (v) *term deposit account* bin-numru 0780079613120,[35] (vi) *loan account* bin-numru 1417814,[36] u (vii) kontijiet ma' terzi persuni;

i. *Ix-xhieda ta' Stephen Baldacchino in rappreżentanza ta' BNF Bank*,[37] fejn iddikjara li fuq isem il-konvenuta ma sab l-ebda kont bankarju;

j. *Ix-xhieda ta' Joseph Saliba in rappreżentanza ta' Jobsplus*,[38] fejn ippreżenta: (i) l-*employment history* tal-attur,[39] fejn jidher li fiż-żmien tax-xhieda l-attur kien ingaġġjat mal-Ministeru tas-Saħħa fuq bażi *full-time* sa mill-20 ta' Novembru 1991 bħala ħaddiem fil-kostruzzjoni, u (ii) l-

[25] Fol. 261.
[26] Fol. 277.
[27] Fol. 336.
[28] Fol. 337.
[29] Fol. 341 -352.
[30] Fol. 337.
[31] Fol. 353 – 390.
[32] Fol. 391 – 438.
[33] Fol. 439 – 455.
[34] Fol. 456 – 465.
[35] Fol. 465 – 473.
[36] Fol. 474 – 479.
[37] Fol. 338.
[38] Fol. 93.
[39] Fol. 96.

*employment history* tal-intimata,[40] fejn jidher li fi żmien ix-xhieda kienet ingaġġjata mal-Ministeru tas-Saħħa fuq bażi *full-time* bħala *basic specialist trainee*;

k. *Ix-xhieda ta' Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali*,[41] fejn ippreżenta: (i) dokument li jikkonferma li l-attur qatt ma pperċepixxa minn benefiċċji soċjali,[42] u (ii) dokument lijistabbilixxi dawk il-benefiċċi li ħadet il-konvenuta, u ċjoe' l-*marriage grant* fis-sena 2007, mis-sena 2011 'il quddiem iċ-*children allowance*, ħadet ukoll il-*maternity benefit* u *child supplement*;[43]

l. *Ix-xhieda ta' Tiziana Ceci in rappreżentanza ta' Brown Pharma Ltd*,[44] fejn iddikjarat illi l-konvenuta tpoġġi bħala tabiba f'waħda mil-*clinics* tal-ispiżeriji tagħhom u dan għal madwar erba' (4) jew sitt (6) sigħat fil-ġimgħa, u l-klijenti tagħha jew jikkuntattjaw lilha direttament jew jiġu l-ispiżerija. Ix-xhud tikkonferma li bejnhom u l-konvenuta ma hemm l-ebda ftehim finanzjarju, u tidħol meta trid hi nhar ta' Tnejn, Erbgħa u/jew Ġimgħa;

m. *FS3s tal-attur għas-sena 2014, 2015 u 2016, fejn jidher li kellu introjtu ta' medja ta' €25,404.62*;

n. *Ix-xhieda ta' Christina Cutajar Attard in rappreżentanza tal-Primary Health Care*,[45] fejn ikkonfermat illi l-konvenuta waqfet taħdem magħhom bħala tabiba fis-sena 2011 u ppreżentat l-FS3 tas-sena li tagħlaq 2011[46] u l-aħħar tlett (3) *payslips*;[47]

o. *Ix-xhieda ta' Lucienne Debono in rappreżentanza ta' San Vinċenz De Paule*,[48] fejn ikkonfermat li l-konvenuta qatt ma ħadmet magħhom;

p. *Il-kontro-eżami tal-konvenuta*,[49] fejn tikkonferma li: (i) għad għandha *office space* ġewwa Brown's Pharmacy, (ii) li l-attur qabel id-digriet qatt ma ħallas

---

[40] Fol. 98.
[41] Fol. 152.
[42] Fol. 224.
[43] Fol. 225.
[44] Fol. 153.
[45] Fol. 553.
[46] Fol. 560.
[47] Fol. 561 – 564.
[48] Fol. 554.
[49] Fol. 1281.

manteniment ħlief għal mitt Ewro (€100) fix-xahar għal sitt (6) xhur, (iii) ħallas is-somma ta' €100 għal spejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tas-sena 2017, (iv) tgħid li għas-snin ta' 2017, 2018 u 2019 kienet għaddietlu l-irċevuti, iżda ma baqgħatx tagħmel dan, (v) tikkonferma li huma ma jistgħux jikkomunikaw bejniethom u lanqas ma trid li dan isir, (vi) li mal-attur waqt l-aċċess ma jieklux, ma jixorbux, ikunu maħmuġin, (vii) li l-attur għandu ħafna nisa, u li jara l-pornografija waqt l-aċċess.

q. *Ix-xhieda ta' Doreen Camilleri in rappreżentanza tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal*, fejn hija tal-fehma illi: (i) it-tifla tgħid dak li tisma' mingħand ommha, (ii) it-tfal kienu jidhru komdi għand missierhom, (iii) l-attur kien ferħan kif kienu sejrin l-affarijiet, (iv) l-aċċess kif inhu huwa biżżejjed, u l-attur huwa kuntent bih;

*Verżjoni tal-Konvenuta u l-Provi Mresqa Minnha:*

Il-konvenuta tixhed permezz ta' affidavit,[50] fejn tispjega li di professjoni hija tabiba iżda għażlet li tkun *full-time* bħala omm. Madanakollu qabel ma twieldu t-tfal hija kienet teżerċita l-professjoni tagħha, u hija flimkien mat-tfal tgħix fid-dar ta' missierha ġewwa Ħal-Safi. Il-konvenuta tgħid li ltaqgħat mal-attur fis-sena 2010 fuq il-post tax-xogħol, u bdew relazzjoni. Tgħid li kien possessiv u vjolenti. Għalhekk fl-aħħar tgħid li rnexxielha ttemm ir-relazzjoni ta' bejnithom, li ma kienet xejn għajr waħda tossika. Fil-fatt tgħid li biex ipattijielha beda juża lit-tfal kontra tagħha, tant li skontha din il-kawża ma hi xejn ħlief riżultat ta' pika u vendikazzjoni. Tgħid illi hija omm dedikata filwaqt li l-attur moħħu fix-xalar u n-nisa, u qatt ma impurtah minn uliedu tant li qatt ma vversa manteniment. Għalhekk tgħid li t-tfal għixithom permezz tas-*savings* tagħha, u meta dawn spiċċaw kellu jkun missierha li jagħmel tajjeb. Dan anke għal problema ta' viżta tat-tifel, fejn ikollha tonfoqlu s-somma ta' €400 fis-sena f'lenti.

Il-konvenuta tgħid li mnalla kien missierha għaliha. Tispjega li meta twieled E, ommha kienet waslet fl-aħħar ta' ħajjitha, u għalhekk kienet tħalli lil binha rieqed ma' misierha sabiex hi tkun tista' toqgħod ma' ommha. Ma kienetx timmaġina li f'tali żmien hija kellha tmur tgħammar mal-attur u lanqas li l-attur jgħix magħha għand il-ġenituri tagħha. Il-konvenuta tgħid li l-attur *"donnu ma jistax jaccetta li jghix hajtu u jhalli lili u t-tfal bi kwietna. Irid jifhem li t-tfal ukoll issa qed jikbru u ghandhom dritt jiddeciedu li jridu joqghodu mieghi, u mhux ghax dan ma*

[50] Fol. 763.

*jghoddx ghal widnejh jibqa' jkisser u jimpika kif jixhdu l-ghexiren ta' rikorsi ripetuti li jaghmel"*. Fil-fatt il-konventa ma taqbilx li l-attur huwa vittma.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, il-konvenuta ppreżentat is-segwenti provi:

a. *Numru ta' messaġġi mibgħuta mill-attur lil konvenuta ta' theddid*;[51]

b. *Ritratti tat-tifel b'armi tan-nar, tazza tal-inbid eċċ*;[52]

c. *Numru ta' rċevuti li tagħhom l-attur qatt ma ħallas xejn li jammontaw għal €8,769.78*;[53]

d. *Ix-xhieda ta' Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali*,[54] fejn ippreżenta dokument dwar is-somma ta' €620.08 imħallsa lill-konvenuta fl-2020, ossija *Children's Allowance* tal-minuri għal perjodu bejn l-4 ta' Jannar 2020 u t-3 ta' April 2020;[55]

e. *Ix-xhieda ta' Adelaide Ellul (PC 2212) in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija*,[56] li ppreżentat dawk ir-rapporti li saru bejn il-partijet, dwar: (i) fejn it-tfal ġew imħollija waħedhom, (ii) tfal ma jingħatawx għall-aċċess, (iii) l-partijiet ma jirrispondux iċ-ċellulari, (iv) nuqqas ta' ħin mat-tfal fuq il-*mobile*, (v) telefonati ta' tgħajjir u theddid, (vi) telefonati anonimi, u (vii) tfal jiġu tard lura mill-aċċess;[57]

f. *Ix-xhieda ta' Christina Cutajar Attard in rappreżentanza tal-Primary Health Care*,[58] fejn ippreżentat l-FS3s tal-attur għas-snin 2011 sal-2021 b'introjtu b'medja ta' €25,000;[59]

g. *L-affidavit ta' K G L, ossija għalliema tal-mużika tal-minuri, ippreżentat nhar id-19 ta' Lulju 2021*,[60] fejn tispjega illi t-tfal dejjem wasu fil-ħin, nodfa, bix-xogħol dejjem lest. Tgħid ukoll illi l-attitudni tat-tfal kienet dejjem tajba, u fil-fehma tagħha l-minuri huma miżmuma sewwa u b'*bond* qawwi ma'

[51] Fol. 771, 774 – 792.
[52] Fol. 772 – 773.
[53] Fol. 794 - 887.
[54] Fol. 618.
[55] Fol. 621.
[56] Fol. 618.
[57] Fol. 622 – 654;
[58] Fol. 618.
[59] Fol. 655.
[60] Fol. 667.

ommhom. Mal-affidavit ġie anness *record of achievement annual report* għas-sena 2020 u 2021 ta' F G B D,[61] u dak ta' E B D;[62]

h. *Ix-xhieda ta' C Psaila Raji in rappreżentanza ta' APS Bank*,[63] fejn iddikjarat li l-attur ma għandu l-ebda relazzjoni mal-bank in kwstjoni;

i. *Ix-xhieda ta' Daniel Azzopardi in rappreżentanza ta' BNF Bank*,[64] fejn iddikjara li l-attur kien klijent tal-bank u kellu żewġ kontijiet li ġew magħluqa fis-sena 2019 u 2020;[65]

j. *Tixhed Lorraine Attard in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc*,[66] fejn tikkonferma li l-attur ma kellux relazzjoni mal-bank in kwistjoni;

k. *Ix-xhieda ta' Christopher Spiteri in rappreżentanza ta' Transport Malta*,[67] fejn jiddkjara li fil-preżent għandu reġistrati fuq ismu l-vetturi tat-tip Honda Civic bin-numru ta' reġistrazzjoni KAS-865, u BMW XS bin-numru ta' reġistrazzjoni ACF-328.[68] Fil-passat kellu reġistrati fuq ismu disa' (9) vetturi oħra;[69]

l. *Nota tal-konvenuta datata 25 ta' Jannar 2022,[70] fejn ipprezentat ċertifikat aħruġ minn Mr Francalanza fejn jiċċċertifika li E B D ilu taħt il-kura tiegħu sa minn mindu kellu tlett (3) snin*;[71]

m. *Ix-xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc*,[72] fejn iddikjarat li fuq isem l-attur irriżultaw seba' (7) kontijiet: (i) *savings account* bin-numru 15808165019,[73] (ii) *home loan account* bin-numru 40017233095,[74] (iii) *home loan account* bin-numru 40017233134,[75] (iv) *savings account* bin-numru 40017430869,[76] (v) *motor loan account* bin-

[61] Fol. 668.
[62] Fol. 678.
[63] Fol. 689.
[64] Fol. 689.
[65] Fol. 691 - 693.
[66] Fol. 689.
[67] Fol. 689.
[68] Fol. 694 – 696.
[69] Fol. 697 – 706.
[70] Fol. 707.
[71] Fol. 690.
[72] Fol. 752.
[73] Fol. 888 – 1011.
[74] Fol. 1012 – 1026.
[75] Fol. 1027 – 1041.
[76] Fol. 1042 – 1055.

numru 40020564036,[77] (vi) *current account* bin-numru 40024489502,[78] u (vii) *loan account* bin-numru 40022334303.[79] Barra minn hek irriżulta ukoll li għandu fuq ismu *credit card*;[80]

n. *<u>Kontro-eżami ta' H B I</u>*;[81]

o. *<u>Kontro-eżami ta' J B I</u>*;[82]

p. *<u>Ix-xhieda tal-attur</u>*,[83] fejn jgħid li bejn l-2012 meta ntemmet ir-relazzjoni sal-2017 meta ntavola l-proċeduri odjerni huwa pprova jasal bil-kelma t-tajba dwar il-kwistjonijiet ta' aċċess u manteniment mal-konvenuta. Jgħid li l-konvenuta qatt ma riedet tikkopera miegħu, u qabel ma ngħata l-ewwel digriet dwar manteniment *pendente lite* jgħid li ġieli vversa s-somma ta' €150 jew €200 lill-konvenuta fix-xahar jew meta jiltaqa' magħha. Jikkonferma li huwa kien ħallasha tal-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari billi jagħtiha l-*cash* u dan minkejja li qatt ma għaddietlu rċevuti. Jispjega ukoll li huwa ma jkun jaf xejn fuq it-tfal, lanqas mill-iskola stess. Jiċħad li għandu nisa differenti. Jikkonferma li ma hemmx komunikazzjoni bejniethom.

## 3. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal każ odjern.

Rigward il-<u>kura u kustodja</u>, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem għalmet illi għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[84] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in*

[77] Fol. 1056 – 1058.
[78] Fol. 1059 – 1071.
[79] Fol. 1072 – 1077.
[80] Fol. 1078 – 1279.
[81] Fol. 752.
[82] Fol. 754.
[83] Fol. 755.
[84] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

*konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[85] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**,[86] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[87] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances D vs Duncan Caruana**,[88] u **Marlon Grech vs C Banks**[89] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

---

[85] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[86] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[87] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).
[88] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[89] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

Fir-rigward ta' manteniment, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, hawn fuq ċitati. Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' miżżewġin, separati jew *single-parents,* għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi u l-ħila tiegħu, u kif ukoll skont il-bżonnijiet tal-istess minuri.

Magħdud ma' dan u fir-rigward tal-obbligu ta' ġenitur li jmantni lill-ibnu sa mit-twelid, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Filippu Grech vs. Antonia Magri**,[90] li għallmet illi:

*"Lanqas jista' jigi obbjettat illi meta l-attrici forniet dawk l-alimenti l-appellant ma kienx ghadu dikjarat, almenu in parti minnhom, missier naturali tal-minorenni, ghaliex ladarba s-sentenza ta' dina l-Qorti ddikjaratu missier naturali, dak l-istat, li ghandu jiswa "quod omnes", jirretroagixxi ghall-gurnata tat-twelid; ghaliex, kif jghid Laurent, Diritto Civile, VOL IV, nru. 20 et seq (ghalkemm dan l-awtur jittratta fuq ir-rikonoxximent volontarju), illi ladarba dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelid, ghax huwa assurd, diversament, illi l-appellant ikun missier bl-obbligi inerenti mill-gurnata tas-sentenza biss u mhux qabel."*

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Xerri pro et noe vs. Elvin Magri**,[91] spjegat illi *"issa li l-konvenut accetta li hu l-missier, apparti l-beneficcju li dan ir-rikonoxximent igib mieghu, irid jerfa wkoll parti mill-piz u jibda billi jaghti lill-omm parti mill-flus li hi nefqet fuq l-istess tifel".* B'hekk appena missier jaċċetta volontarjament li jirrikonoxxi wild jew inkella permezz ta' sentenza jiġi ddikjarat bħala l-missier naturali ta' tarbija, huwa għandu l-obbligu li jirrifondi lill-omm it-tarbija sehemu mill-ispejjeż inkorsi minnha waħedha sa mit-twelid tat-tarbija.

[90] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar l-20 ta' Diċembru 1946.
[91] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar is-27 ta' Frar 2009.

## 4. Is-Sitwazzjoni Pendente Lite:

Fil-mori tal-kawża ngħataw diversi digrieti, u ċjoe':

a. *Digriet tat-8 ta' Mejju 2017*,[92] fejn wara li l-Qorti rat ir-rikors tal-attur tal-24 ta'April 2017 u r-risposta tal-konvenuta, hija akkordat aċċess lill-attur għal uliedu nhar ta' Tnejn u Erbgħa mill-ħamsa (5) ta' wara nofsinhar sas-sebgħa (7) ta' filgħaxija u nhar ta' Ħadd mill-ħdax (11) ta' filgħodu sal-ħamsa (5) ta' wara nofsinhar, b'dana illi t-tfal jinġabru u jittiehdu lura r-residenza tal-konvenuta;

b. *Digriet tas-6 ta' Settembru 2017*,[93] fejn il-Qorti ordnat lil A B iħallas is-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) fix-xahar bħala manteniment għal minuri, oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tagħhom;

c. *Digriet tat-23 ta' Jannar 2018*,[94] fejn wara li l-Qorti rat ir-rikors tat-8 ta' Novembru 2017 u r-Rapport tal-Avukat tat-Tfal tad-19 ta' Jannar 2018, ordnat li A B ikollu aċċess għall-minuri meta jinzerta *rest* u *off* matul il-ġimgħa bejn l-4.00pm u t-8.00pm u fil-*weekend*, b'mod alternattiv mill-Ġimgħa fis-7.30pm sas-Sibt fil-5.00pm u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt sal-Ħadd fl-istess ħinijiet, b'dan illi hu obbligat li fl-ewwel ġurnata tax-xahar jinforma bil-miktub lill-omm bis-*shift* tiegħu, jiġbor lit-tfal mir-residenza tal-omm u jirritornahom hemm, filwaqt li ma jesponix lit-tfal għal terzi persuni li ma humiex membri tal-familja. Magħdud ma' dan, ordnat ukoll li A B kull xhar irid jippreżenta fir-Reġistru tal-Qorti tal-Familja ċertifikat mediku dwar l-andament tal-kura tiegħu;

d. *Digriet datat 8 ta' Jannar 2019*,[95] fejn il-Qorti laqgħat it-talba kif dedotta fir-rikors tal-attur ta' nhar is-26 ta' Ġunju 2018,[96] ċjoe' illi d-digriet tat-23 ta' Jannar 2018 jiġi varjat fis-sens illi l-attur jkun jista' jiġbor u jirritorna lill-minuri minn fejn l-Għassa taż-Żurrieq fil-ġranet tal-aċċess;

e. *Digriet tat-13 ta' Marzu 2019*,[97] fejn wara li l-Qorti rat ir-rikors tal-konvenuta tal-4 ta' Marzu 2019[98] u r-risposta tal-attur tat-12 ta' Marzu

[92] *Vide* l-atti tal-medjazzjoni.
[93] Fol. 24, 33.
[94] Fol. 25, 34.
[95] Fol. 46.
[96] Fol. 37.
[97] Fol. 68.
[98] Fol. 57.

2019,[99] ħatret lil Dr Tanya Sammut bħala avukat tat-tfal sabiex tkellem lit-tfal u tirrelata dwar it-talbiet kif dedotti;

f. *Rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Tanya Sammut datat 15 ta' Mejju 2019*;

g. *Digriet tas-27 ta' Mejju 2019*,[100] fejn il-Qorti wara li rat ir-rapport tat-tfal surreferit, varjat id-digriet tt-23 ta' Jannar 2018 u ordnat illi l-aċċess tal-missier għandu jseħħ matul il-ġimgħa meta jkun *off* mill-4 ta' wara nofsinhar (4pm) sat-tmienja ta' filħaxija (8pm), u fil-*weekend* b'mod alternat, is-Sibt mill-għaxra ta' filgħodu (10am) sas-sitta ta' filgħaxija (6pm) u l-ġimgħa ta' wara l-Ħadd fl-istess ħinijiet. Ordnat ukoll lill-missier sabiex ma jesponix lill-minuri lill-*partners* li jkollu;

h. *Digriet tat-22 ta' Diċembru 2019*,[101] fejn il-Qorti wara li rat ir-rikors ta' A B tas-26 ta' Awwissu 2019,[102] u r-risposta ta' C D tat-12 ta' Diżembru 2019,[103] hija laqgħat l-ewwel talba u ordnat li l-partijiet ikollhom aċċess għar-rapport tal-avukat tat-tfal tal-15 ta' Mejju 2019 u tad-19 ta' Jannar 2019, iżda ċaħdet it-tieni talba rigward modifikazzjoni fl-aċċess;

i. *Digriet datat 14 ta' Jannar 2020*,[104] fejn wara li l-Qorti rat ir-rikors tal-attur tas-26 ta' Diċembru 2019,[105] u r-riposta tal-konvenuta tat-13 ta' Jannar 2020,[106] il-Qorti ċaħdet l-ewwel talba rigward komunikazzjoni fuq il-*mobile phone* bejn l-attur u l-ulied, filwaqt li laqgħat it-tieni talba u ordnat li kwalunkwe aċċess mitluf għall-minuri jiġi kkumpensat b'mod immedjat u fiż-żmien ġimgħa minn meta jiġi mitluf;

j. *Digriet datat 21 ta' Frar 2020*,[107] fejn il-Qorti wara li rat ir-rikors tal-attur datat 18 ta' Frar 2020,[108] u r-risposta tal-konvenuta tal-20 ta' Frar 2020,[109] il-Qorti laqgħat it-talba u ordnat li t-telefonata bejn l-attur u l-minuri ssir darbtejn fil-ġimgħa nhar ta' Tnejn u Ħamis bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' filgħaxija;

---

[99] Fol. 65.
[100] Fol. 69.
[101] Fol. 135.
[102] Fol. 110.
[103] Fol. 115.
[104] Fol. 151.
[105] Fol. 137.
[106] Fol. 142.
[107] Fol. 260.
[108] Fol. 253.
[109] Fol. 257.

k. <u>*Ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal tas-26 ta' Ġunju 2020*</u>,[110] fejn ġie konkluż illi l-aċċess ma għandux jiżdied għaliex it-tfal jinsabu anzjużi ħafna waqt il-ħin tal-aċċess;

l. <u>*Digriet tal-1 ta' Lulju 2020*</u>,[111] fejn wara li rat ir-rikors tal-attur tat-13 ta' Mejju 2020,[112] ir-risposta tal-konvenuta tat-28 ta' Mejju 2020,[113] u r-rapport tal-Avukat tat-Tfal surreferit, il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attur għal żieda l-aċċess;

m. <u>*Digriet tat-22 ta' Diċembru 2019*</u>,[114] fejn il-Qorti wara li rat ir-rikors tal-attur tat-18 ta' Novembru 2019,[115] u r-risposta tal-konvenuta tat-12 ta' Diċembru 2019,[116] il-Qorti laqgħat l-ewwel talba u ħatret lil Carmen Sammut bħala psikolga sabiex tkellem lil minuri u tistabbilixxi jekk hemmx *parental alienation* fiċ-ċirkostanzi, kif ukoll ordnat lil konvenuta sabiex tgaddi kull informazzjoni dwar is-saħħa u edukazzjoni tal-minuri lill-attur fi żmien ġimgħa minn meta tkun ingħatat lilha. Irrizervat li tipprovdi dwar it-talbiet l-oħra wara li rata r-rapport tal-psikologa;

n. <u>*Rapport tal-psikologa Carmen Sammut tat-28 ta' Awwissu 2020*</u>;[117]

o. <u>*Rat id-digriet tal-15 ta' Diċembru 2020*</u>,[118] fejn wara li l-Qorti rat ir-rikors, ir-risposti u r-rapport tal-psikologa, hija saħqet illi: *"Jirrizulta illi A B qieghed jircievi terapija ghand Melchior Portelli, ghalhekk tordna li sabiex jibqa' jircievi din it-terapija u jesebixxi rapport tat-terapista tieghu fi zmien tlett xhur millum. Il-Qorti tordna lil C D sabiex tattendi hi ukoll ghal sessjonijiet ta' terapija kif irrakomandat Carmen Sammut fir-rapport taghha. Il-Qorti tordna lill-Agenzija Appogg sabiex, a spejjez tal-partijiet b'mod ugwali, taddetta haddiema socjali biex isegwu liz-zewg ulied minuri, kif rakkomandat f'dan ir-rapport. Il-Qorti tordna li dawn il-haddiema socjali jirrappurtaw lil Qorti fi zmien tlett xhur minn meta jibdew din it-terapija"*;

[110] Fol. 321.
[111] Fol. 323.
[112] Fol. 287.
[113] Fol. 298.
[114] Fol. 506.
[115] Fol. 481.
[116] Fol. 497.
[117] Fol. 518.
[118] Fol. 539.

p. *Rapport ta' Doreen Camilleri bħala ħaddiema soċjali fid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal*,[119] fejn saħqet illi *"jidher ċar li t-tfal għandhom relazzjoni tajba ħafna ma' ommhom u mal-familja t'ommhom min-naħa l-oħra, it-tfal huma reżistenti għal missierhom għalkemm huwa committed lejn it-tfal. Peress li s-Sur A B jgħix il-Qawra u jiġbor it-tfal minn Ħal-Safi jaħli ħafna mill-ħin li jkollhom flimkien. It-tfal għandhom bżonn aktar ħin ma' missierhom biex jibnu relazzjoni tajba. Għaldaqstant nirrakomandaw li: It-tfal jagħmlu sleepovers ma' missierhom, u is-Sur A B ikompli jaħdem mat-terapista tiegħu biex itejjeb ir-relazzjoni mat-tfal"*;

q. *Digriet tal-31 ta' Jannar 2022*,[120] fejn il-Qorti laqgħat il-konklużjoni u r-rakkomandazzjonijiet fir-rapport tal-ħaddiema soċjali;

r. *Digriet tad-9 ta' Marzu 2022*,[121] fejn il-Qorti wara li rat ir-rikors tal-attur tal-4 ta' Frar 2022,[122] u r-risposta tal-konvenuta tat-8 ta' Marzu 2022,[123] il-Qorti ordnat li jseħħ aċċess fil-*weekend* b'mod alternat minn ġimgħa għall-oħra u ċjoe' darba mill-Ġimgħa mis-6.30 ta' filgħaxija sal-għada s-Sibt sas-6.30 ta' filgħaxija, u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt għall-Ħadd fl-istess ħin, b'dana illi l-attur jara li l-minuri jagħmlu l-*homework* u joħodhom il-mużew u/jew kwalunkwe' attivita' extra-kurrikulari li jkollhom;

s. *Rapport ta' Doreen Camilleri bħala ħaddiema soċjali fid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal*,[124] fejn ikkonkludiet u rrakkomandat illi: *"Skont is-Sur A B l-affarijiet sejrin tajjeb u r-relazzjoni mat-tfal tjiebet speċjalment kemm ilhom li għandhom aktar ħin flimkien. Mill-kliem id-dottoressa C D, tħossha mħassba fuq li t-tfal għax qalet li ikunu esposti għat-'tgerfix', pero' ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' dan. Is-Sur B ilu f'relazzjoni mal-istess persuna għal ammont ta' snin. Il-minuri E u F G ma qablux fi kliemhom, ghax fejn E qal li jmorru diversi postijet ma' missierhom, F G qalet li ma jagħmlu xejn. Fil-fatt E qal li jmorru l-playground, jieklu barra u anke maru xi drabi Ghawdex ġo Pool ma' missierhom. Skont is-Sur B hu sifirhom btala l-Ġermanja u qiegħed jippjana biex imorru btala oħra fil-vakanzi tal-Għid li ġej. Għaldaqstant il-professjonista hija tal-umli fehma li l-partijiet għandhom jibqgħu jżommu mad-digriet ezistenti"*;

---

[119] Fol. 708.
[120] Fol. 728.
[121] Fol. 748.
[122] Fol. 732.
[123] Fol. 739.
[124] Fol. 1320.

t. *Digriet tal-4 ta' Frar 2023*,[125] fejn il-Qorti wara li rat ir-rapport surreferit, laqgħat id-deċiżjoni li hemm fl-imsemmi rapport u tordna lill-partijiet biex josservawha.

## 5. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Stabbilit il-premess, il-Qorti tisħaq illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja esklussiva, jitnissel l-obbligu fil-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Għaldaqstant f'dan l-istadju għal Qorti huwa irrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri, iżda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bżonnjuż u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni. Dan jiġi delinejat b'mod partikolari fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 1998:

*"In this case the court must to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child".*

Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li wħud mid-drabi, talba ta' din in-natura issirilha sabiex ġenitur partikolari jiġi eskluż mit-trobbija tal-ulied u konsegwentament il-minuri sfortunatament jisfaw jitrabbew bħala ltiema minkejja li għandhom iż-żewġ ġenituri għadhom ħajjin. Tali aġir ma huwa xejn ħlief frott tal-pika żejda ta' bejn il-ġenituri nfushom. Fil-każ odjern, din hija talba magħmula miż-żewġ partijiet sabiex din il-Qorti takkorda lil xi ħadd minnhom il-kura u kustodja esklussiva tal-minuri E u F G, aħwa B D, ulied il-partijiet, u kif ukoll tiffissa l-manteniment li għandu jkun pagabbli mill-parti l-oħra li magħha jew miegħu ma

[125] Fol. 1336.

jkunux jirrisjedu l-minuri għall-bżonnijiet tal-istess minuri, li għandu jinkludi ukoll sehemha jew sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni.

***Il-Kura, Kustodja, Residenza, Setgħa tal-Ġenitur u d-Deċiżjonijiet relatati mal-Minuri:***

Mix-xhieda tal-partijiet jirriżulta li dawn kellhom relazzjoni, minn liema twieldu ż-żewġ minuri. Jidher li ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar lil min għandha tiġi fdata l-kura u kustodja tal-minuri, b'dana illi kull parti temmen li għandha tkun hi li tiġi fdata b'dan. Mill-atti jidher li r-relazzjoni, jekk tista' tissejjaħ hekk, ta' bejn il-partijiet, minn dejjem kienet waħda straordinarja, turbolanti, tossika u mimlija rabja. Jidher ċar li hemm diversi rapporti kontra xulxin, u diversi messaġġi mibgħuta mill-attur lill-konvenuta ta' theddid u tgħajjir. Min-naħa l-oħra u mix-xhieda tal-konvenuta, il-Qorti tara l-ostilita' fil-kovenuta nnifisha, is-sens illi l-attur qatt ma fisser xejn għaliha, tant li dejjem ġabet lill-ġenituri tagħha fil-quċċata ta' ħajjitha mingħajr ebda ħjiel li tipprova tistabbilixxi familja mal-attur saħansitra minn meta kellha l-ewwel tarbija miegħu u dan minħabba li omm il-konvenuta kienet marida bil-kanċer. Minkejja li l-Qorti tifhem li ġialadarba l-konvenuta hija tifla waħedha, u li għandha ċertu obbligu u rispett lejn il-ġenitur tagħha f'mument daqshekk diffiċli, jibqa' l-fatt li ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex il-konvenuta fl-istess ħin ma setgħatx tifforma familja mal-attur, b'dana illi kull meta kien ikollha bżonn tmur ħdejn ommha, it-tifel kien jibqa' ma' missieru mhux tħallih man-nannu matern. Mill-atti ma jirriżultax illi l-attur kien persuna ta' '*kummidji u praspar'* u li ma kienx tajjeb sabiex jieħu ħsieb lil uliedu. Għalhekk il-Qorti tifhem illi qatt ma kien hemm dinamika tajba bejn il-partijiet, u bil-wisq temmen illi minħabba l-aġir tal-konvenuta fejn il-ġenituri tagħha kienu dejjem u f'kull waqt jieħdu preċedenza fuq l-attur, dan kollu kien jiżra' fl-attur rabja stante li dan kien qed jiġi mwarrab kemm mill-konvenuta u kif ukoll familtha li għamluha ċara li ma jridux ikollhom affari miegħu, u fl-istess waqt imċaħħad minn uliedu.

Tenut kont tal-premess, il-Qorti tinsab f'pożizzjoni ferm diffiċli u dan għaliex: (i) il-Qorti tara li l-attur qed jimpenja ruħu sewwa sabiex jimmeljora l-attitudni tiegħu u dan tenut kont li ilu jattendi għal terapija għal żmien twil in vista tal-fatt li l-intiża tiegħu hija li jkun missier tajjeb għal uliedu, (ii) min-naħa l-oħra tara li l-konvenuta hija adamanti fis-sitwazzjoni u bi sħiħ temmen li hija qed tagħmel sewwa kif qed tikkomporta ruħha, meta fil-verita' fil-fehma tal-Qorti dan ma

huwiex minnu għaliex b'imħabba lejn it-tfal hija għandha *in primis* tattendi għal terapija neċessarja hekk kif ordnat permezz tad-digriet datat 15 ta' Diċembru 2020 u kif ukoll tagħmel mezz u tbaxxi rasha sabiex tkellem lill-attur limitatament fir-rigward tat-tfal, għaliex trid jew ma tridx il-konvenuta trid tifhem li l-ulied huma ukoll tal-attur u dan għandu d-dritt illi jiġi kkomunikat l-affarijiet *kollha* fir-rigward ta' uliedu u mhux tuża lil uliedha bħala pustiera!, u (iii) it-tfal illum ma għadhomx żgħar hekk kif għandhom kważi tnax (12) u ħdax-il (11) sena u huma *ormai* mdorrija jgħixu mal-omm, apparti l-fatt illi t-tifla hija reżistenti għal missierha ħafna iktar minn ħuha.

Wara li ħasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni, din il-Qorti waslet għal konvinċiment morali li jkun fl-interess suprem tal-minuri li l-kura u kustodja tagħhom tkun fdata esklussivament f'idejn il-konvenuta, dan anke billi l-minuri għandhom jibqgħu jirrisjedu mal-konvenuta ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-konvenuta stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha. Dan qiegħed jiġi deċiż mhux sabiex il-konvenuta ikollha l-poter assolut fuq il-minuri, altru milli hekk, iżda għaliex: (i) il-partijiet ma jikkomunikawx, lanqas b'mod bażiku, u b'hekk fid-dawl tas-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Francis Cauchi**,[126] fejn ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell illi hija *"tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala sistema, mhux prattikabbli meta l-genituri ma jitkellmux bejniethom"*,[127] hija kienet tal-fehma li f'dan il-każ il-kura u kustodja trid bilfors tgħaddi b'mod esklussiv għand wieħed jew waħda mill-partijiet, (ii) fiċ-ċirkostanzi jidher li l-minuri ilhom għal żmien twil jgħixu mal-konvenuta, huma lejali ħafna lejha, u d-deċiżjonijiet kollha jidher li dejjem ittiehdu minnha u dan minkejja li qatt ma kienet awtorizzata tagħmel dan, iżda għall-Qorti jidher ċar illi l-konvenuta ma hijiex omm li ma tafx tieħu ħsieb lill-uliedha għalkemm għal xi raġuni jidher li l-minuri bil-kliem huma reżistenti lejn missierhom, speċjalment F G B D. Għalhekk u sabiex ma tkomplix issir ħsara lill-minuri u ma tiġix sfrattata r-rutina li daħlu fiha l-minuri, l-imsemmija minuri għandhom jibqgħu jgħixu mal-konvenuta taħt il-kura u kustodja tagħha.

[126] Deċiża nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (App. Nru. 2463/1999/1).
[127] Liema insenjament kompla ġie elaborat fis-sentenza fl-ismijiet **Scott Schembri vs Dorianne Polidano**, deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar it-30 ta' April 2015 (Rikors Numru 277/2012 RGM), mhux appellata: *"filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja ma ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri"*, u rikonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Booker vs Roger Mahlangu**, deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar is-7 ta' Diċembru 2017 (Rikors Numru 183/2016 RGM), mhux appellata.

Minkejja s-suespost, il-Qorti tissottolineja illi b'tali deċiżjoni l-attur mhux ser jispiċċa f'sitwazzjoni fejn jiġi eskluż kompletament mill-ħajja ta' uliedu.[128] F'dan il-kuntest, il-Qorti tfakkar illi l-kura u kustodja ma hijiex ugwali għas-setgħa tal-ġenitur.[129] Jingħad illi s-setgħa tal-ġenitur *"huwa kunċett legali li emanixxa mid-Dritt Ruman li jinkorpora fih, fost oħrajn, il-kunċett tal-kura u kustodja. Fil-fatt jekk wieħed ma jkollux f'idejh il-kura u kustodja, ma jfissirx li jitlef id-drittijiet l-oħra li jappartjenu lilu bħala ġenitur, fosthom id-dritt ta' aċċess, id-dritt li jieħu deċizjonijiet flimkien mal-ġenitur l-ieħor, id-dritt li jkun infurmat dwar il-progress tal-minuri, u d-dritt li jiffirma u jġedded passaport. Għaldaqstant ġialadarba ġenitur ikun għadu f'pozizzjoni li jezerċita dawn id-drittijiet, minkejja li ma jkollux il-kura u kustodja tal-minuri, ifisser li xorta waħda jkollu s-setgħa ta' ġenitur, liema setgħa tista' titneħħa skont id-disposizzjonijiet tal-liġi kif misjuba taħt is-Sub-Titolu II tat-Titolu IV tal-Ewwel Ktieb"*.[130]

F'dan il-kuntest bil-fattispeċji li għandha quddiemha, il-Qorti tħoss li għandha tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Charles Grixti vs Bouchra Boukaoua**,[131] fejn il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kienet fdat il-kura u l-kustodja f'idejn l-omm, u l-Qorti tal-Appell irriteniet is-segwenti: *"Min-naha l-ohra, f'dan il-kaz ma jidhirx li jezistu l-estremi biex il-missier jiccahhad ghal kollox mid-drittijiet tieghu ta' patria potestas fuq ibnu minuri. Hu jidher li jhobb lill-ibnu, u apparti l-access li nghatalu, jixraq li jibqa' jzomm certu kontroll fuq certi aspetti importanti tal-hajja tal-minuri. Certi decizjonijiet importanti li jolqtu s-sahha, l-edukazzjoni, ir-religjon u s-safar tat-tifel ghandhom jittiehdu bi qbil bejn il-partijiet, jew, fin-nuqqas mill-Qorti kompetenti li tkun tista', f'kull kaz, tara' x'ikun fl-ahjar interess tal-minuri"*. Dan fil-fatt għandu ukoll japplika għal każ odjern, għaliex din il-Qorti tara illi l-allegazzjonijiet tal-konvenuta fir-rigward

[128] U dan kif ġie ribadit minnu fin-nota ta' sottomissjonijiet, a fol. 1339.
[129] F'dan il-kuntest ara s-sentenza fl-ismijiet **Cettina Camilleri vs Dr Nadine Delicata et**, deċiza nhar it-18 ta' Jannar 2013 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali), fejn ġie mgħallem illi: *"Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa minnu li z-zewġ kuncetti ma humiex identici. Madanakollu ma jistgħux jiġu separati minn xulxin daqstant facilment bhalma jippretendu l-konvenuti. Dan peress li ghalkemm l-argument huwa wiehed akkedemikament interessanti izda b'mod attwali s-setgha tal-genitur tinkludi inter alia, it-tutela, il-kura u l-kustodja tal-minuri. Is-setgħat tal-genituri moghtija bil-ligi jinkludi anke l-aktar affarijiet bazici sal-aktar decizjonijiet importanti li jirrigwardaw il-minuri. Infatti l-artikolu 131 tal-Kodici Civili jsemmi li din is-setgha tal-genituri tigi ezercitata bi ftehim bejn iz-zewg genituri u f'kaz ta' mewt din tkun ezercitata mill-genitur li jibqa haj. Il-ligi tipprovdi ukoll li f'kaz ta' nuqqas ta' qbil bejn iz-zewg genituri dwar decizjonijiet li jirrigwardaw lill-minuri, dawn ghandhom jirrikorru ghall-Qorti. Illi l-kuncett ta' patria potestas jorigina mid-Dritt Ruman u nsibuh ukoll fil-ligi taghna. Skont il-ligi ta' Malta kull genitur ghandu dritt ta' patria potestas fuq il-wild tieghu jew taghha. Dan ifisser li l-genitur ghandu d-dritt li jiehu certu decizjonijiet importanti fil-konfront tal-minuri"*.
[130] **Mark Micallef pro et noe vs Ramona Caruana**, deċiża nhar is-27 ta' Mejju 2021 (Rikors Numru 140/2019 AL), mhux appellata.
[131] Appell Ċivili Nru: 474/2007, deċiza fis-27 ta' Novembru, 2009.

tal-attur li ma huwiex missier tajjeb, li ma jitmax lill-uliedu, li jħallihom maħmuġin, li għandu ħafna nisa, u kif ukoll li jara l-pornograija quddiemhom, ma ġewx minimament ippruvati. Għalhekk il-Qorti ma tarax kif tista' ċċaħħad lill-attur mid-drittijiet tiegħu ta' missier fuq uliedu fl-interita' tagħhom, hekk kif fiċ-ċirkostanzi jidher li huwa qed jagħmel l-almu tiegħu billi jattendi għat-terapija meħtieġa sabiex ikun missier eżemplari għal uliedu, iħobbhom u jipprovdilhom.

Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi jkun opportun illi tagħti s-segwenti provvedimenti u dana fl-aħjar interessi tal-minuri:

a. In vista tal-fatt li l-kura u kustodja tal-minuri ser tkun vestita esklussivament f'idejn il-konvenuta b'dana li l-minuri ser jirrisjedu magħha, il-Qorti tordna illi:

   i. *Id-deċiżjonijiet ta' natura ordinarja* għandhom jittieħdu mill-konvenuta waħedha, u ċjoe' dawk id-deċiżjonijiet bażiċi li jirrelataw mal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri b'dana illi l-ispejejż tal-istess għandhom jiġu inkorsi esklussivament minnha stante illi hija adamanti illi ma tridx tkellem lill-attur dwar dak kollu li jaffettwa lill-uliedha, filwaqt li,

   ii. *Id-deċiżjonijiet ta' natura straordinarja* li speċifikament jinkludu: (i) tibdil ta' skola, (ii) interventi ta' saħħa fejn ikun rikjest li ssir operazzjoni, (iii) fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, (iv) applikazzjoni għal attivitajiet extra-kurrikulari, (iv) applikazzjoni u tiġdid ta' passaport tal-minuri, u (v) safar barra minn Malta, għandhom jittieħdu b'mod konġunt mill-partijiet. B'dana illi l-konvenuta għandha tinforma lill-attur minnufih u mhux iktar tard minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa b'tali kwistjonijiet permezz ta' messaġġi fuq iċ-ċellulari, iżda qatt ma għandha tgħaddi ċertu informazzjoni tramite t-tfal, b'dana illi meta jkun il-każ l-ispejjeż involuti għandhom jinqasmu ugwament bejn it-tnejn u għandhom jiġu ppreżentati lill-parti l-oħra l-irċevuti neċessarji mhux iktar tard minn jumejn b'dana illi l-ħlas tal-istess għandu jsir entro erbgħa u għoxrin (24) siegħa. F'każ illi tali ordni ma tiġix segwita, jew inkella ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet dwar tali kwistjonijiet, din għandha tinġieb quddiem il-Qorti kompetenti ħalli tara hi x'ikun fl-aħjar interess tal-minuri;

b. L-attur għandu: (a) jiġi nfurmat bl-iskola fejn jattendu l-minuri, (b) dritt li jkollu aċċess għall-informazzjoni dwar il-minuri mingħand id-diriġenti tal-iskola, l-awtoritajiet tal-isptar u t-tobba kuranti tal-istess minuri, (ċ) jiġi nfurmat mill-konvenuta meta l-minuri jkunu ma jiflilħux jew rikoverati l-isptar, (d) jitħalla mill-awtoritajiet tal-isptar jidħol ħdejn il-minuri f'każ li jkunu rikoverati l-isptar, (e) jattendi *Prize Day* u *Parents' Day*, (f) jitlob informazzjoni dwar il-minuri mingħand l-għalliema extra-kurrikulari tagħhom; u

c. Il-passaport tal-minuri għandu jinżamm fil-pussess tal-konvenuta.

***<u>L-Aċċess għal Minuri:</u>***

Fir-rigward ta' aċċess, il-Qorti tissottolineja illi *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx <u>dritt ghall-access</u>, izda <u>obbligu</u> tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt malgenituri taghha bl-anqas disturb possibbli"* (sottolinejar tal-Qorti).[132]

Il-minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħda minnhom jekk mhux abbażi struzzjoni professjonali. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Spagnol vs Thomas Spagnol**,[133] ingħad illi: *"Il-Qorti tfakkar illi d-dritt għall-aċċess huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-ġenituri, liema dritt jemanixxi mis-setgħa ta' ġenitur. Għaldaqstant id-dritt għall-aċċess għandu jitgawda mill-ġenitur u dan anke jekk il-kura u kustodja tiġi assenjata lil wieħed mill-ġenituri. L-unika eċċezzjoni fejn il-Qorti tkun kostretta li tordna n-nuqqas ta' aċċess huwa f'kaz li jkun hemm rakkomandazzjoni minn espert fil-qasam, jew minħabba fattispeċji partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha l-Qorti fejn ikun jidher b'mod lampanti*

[132] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Frances Cauchi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).
[133] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, kif preseduta, nhar is-27 ta' Ottubru 2021 (Rikors Numru 202/2014AL), mhux appellata.

*li ma jkunx fl-interess suprem tal-minuri li jinzamm tali aċċess. Il-Qorti tirribadixxi illi ma għandha l-ebda interess li tisfratta l-possibbilita' li ġenitur jibni relazzjoni ma' uliedu, salv jekk ikun hemm raġunijiet validi u leġittimi, u dan f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri".*

Fil-każ odjern jirriżulta li *pendente lite* għall-kawża odjerna, il-kwistjoni tal-aċċess ġiet regolata, fejn l-aċċess fil-preżent huwa hekk:

a. Fost il-ġimgħa meta jkun *off* mill-erbgħa ta' wara nofsinhar (4pm) sat-tmienja ta' filgħaxija (8pm);

b. Fi tmiem il-ġimgħa, b'mod alternat minn ġimgħa għall-oħra u ċjoe' darba mill-Ġimgħa mis-6.30 ta' filgħaxija sal-għada s-Sibt sas-6.30 ta' filgħaxija, u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt għall-Ħadd fl-istess ħin, b'dana illi l-attur jara li l-minuri jagħmlu l-*homework* u joħodhom il-mużew u/jew kwalunkwe' attivita' extra-kurrikulari li jkollhom

c. Telefonata bejn l-attur u l-minuri ssir darbtejn fil-ġimgħa nhar ta' Tnejn u Ħamis bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' filgħaxija;

d. Kwalunkwe aċċess mitluf għall-minuri jiġi kkumpensat b'mod immedjat u fiż-żmien ġimgħa minn meta jiġi mitluf; u,

e. L-attur ma jesponix lill-minuri lill-*partners* li jkollu.

Il-Qorti tara illi Ġianluca għandu kważi tnax-il (12) sena filwaqt li F G għandha kważi ħdax-il (11) sena. Tenut kont tal-eta' tal-minuri, kif ukoll tar-rapporti eżebiti fl-atti mill-professjonisti mqabda fil-mori tal-kawża, jidher li l-aċċess kif inhu fil-preżent huwa wieħed li jilħaq bilanċ u għalhekk għal Qorti jidher li t-tfal daħlu f'rutina. Għaldaqstant, il-Qorti ma tarax li hemm lok li tbiddel il-*modus vivendi* kif adoperat dawn l-aħħar snin, u b'hekk tordna:

a. *<u>Fost il-ġimgħa</u>*, kull meta l-attur ikun *'off'* mill-4 ta' wara nofsinhar (4pm) sat-tmienja ta' filgħaxija (8pm) fil-perjodu skolastiku, b'dana illi l-istess aċċess fil-perjodu fejn l-minuri jkollhom il-vakanzi jiġi estiż sad-disgħa u nofs ta' filgħaxija (9.30pm);

b. *<u>Fi tmiem il-ġimgħa</u>*, għandu jkun hemm aċċess bi *sleepover* b'mod alternat mill-Ġimgħa mis-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30pm) ta' filgħaxija sal-għada s-Sibt sas-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30pm), u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt għall-Ħadd fl-istess ħin, b'dana illi fil-vakanzi tal-minuri għandu jiġi eżerċitat ukoll *sleepover* addizzjonali darba oħra meta l-attur ikun l-għada *'off'* fl-istess ħinijiet, u kif ukoll li l-attur għandu jara li l-minuri jagħmlu l-*homework* u joħodhom il-mużew u/jew kwalunkwe' attivita' extra-kurrikulari li jkollhom;

c. *<u>F'għeluq snin il-minuri</u>*: (i) meta tali ġurnata taħbat fost il-ġimgħa l-attur għandu jiġbor lill-minuri b'mod alternat mit-3pm sas-6pm, u s-sena ta' wara mis-6pm sad-9pm, u (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt jew il-Ħadd, l-attur għandu jiġbor lill-minuri b'mod alternat mid-9am sat-3pm, u s-sena ta' wara mit-3pm sad-9pm, u l-i*sleepover* fil-*weekend* meta għeluq snin il-minuri jaħbat fi tmiem il-ġimgħa għandu jkun skont il-ftehim tal-partijiet;

d. *<u>F'għeluq snin il-missier</u>*: (i) meta tali ġurnata taħbat fost il-ġimgħa l-attur għandu jiġbor lill-minuri mit-3pm sas-7.30pm, (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt, l-*ispleepover* għal dak il-*weekend* għandu jkun mill-Ġimgħa fis-sebgħa ta' filgħaxija (7pm) sas-Sibt sal-għaxra ta' filgħaxija (10pm), u (iii) meta tali ġurnata taħbat il-Ħadd, l-*isleepover* għal dak il-weekend għandu jkun mis-Sibt fis-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30pm) sal-Ħadd fid-disgħa ta' filgħaxija (9pm);

e. *<u>F'għeluq snin l-omm</u>*: (i) meta tali ġurnata taħbat meta l-attur ikun *'off'* meta jkun imissu l-aċċess l-attur, tali aċċess għandu jintilef b'dana li jiġi eżerċitat l-għada fl-istess ħinijiet, (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt, l-i*sleepover* għandu jsir mill-Ġimgħa fit-tlieta ta' wara nofsinhar (3pm) sas-Sibt fis-sebgħa u nofs ta' filgħodu (7.30am), u għal dak il-*weekend* biss ikollu dritt ukoll għal aċċess ma' uliedu l-Ħadd mill-ħdax ta' filgħadu (11am) sal-ħamsa ta' wara nofsinhar (5pm), u (iii) meta tali ġurnata taħbat il-Ħadd, l-i*sleepover* għandu jsir l-Ġimgħa mill-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm) sas-Sibt sal-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm);

f. *<u>Dak il-Ħadd li jaħbat Jum il-Missier</u>*, l-i*sleepover* għal dak il-*weekend* ikun mis-Sibt għal Ħadd mill-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm) sal-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm);

g. <u>*Dak il-Ħadd li jaħbat Jum l-Omm*</u>, għal dak il-*weekend* partikolari, l-*isleepover* għandu jkun mill-Ġimgħa fil-ħamsa nu nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm) sas-Sibt sal-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm);

h. <u>*Fil-festi pubbliċi li jaħbtu matul il-ġimgħa*</u>, il-partijiet għandhom igawdu tali ġurnata flimkien ma' uliedhom b'mod alternat, b'dana illi jkun hemm hemm *sleepover* lejliet dik il-festa li l-minuri jkunu ser iqattgħu mal-attur mill-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm) sal-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm). L-ewwel festa pubblika wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat għandha tiġi mgawdija mill-attur ma' uliedu;

i. <u>*F'Lejliet il-Milied u Jum il-Milied*</u>, għall-ewwel sena wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u b'mod alternat, l-attur ikollu aċċess bi *sleepover* mill-24 ta' Diċembru mill-ħamsa u nofs ta wara nofsinhar (5.30pm) sal-25 ta' Diċembru sal-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm), u fis-sena sussegwenti mill-25 ta' Diċembru fil- ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm) sas-26 ta' Diċembru sal- ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm);

j. <u>*F'Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena*</u>, għal-ewwel sena wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u b'mod alternat, l-attur ikollu aċċess bi *sleepover* mill-1 ta' Jannar fil- ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm) sat-2 ta' Jannar sal- ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm), u fis-sena sussegwenti mill-31 ta' Jannar fil- ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm) sal-1 ta' Jannar sal- ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm).

Magħdud mal-premess, il-Qorti tordna ukoll is-segwenti:

a. Għall-aċċess ta' matul il-ġimgħa, it-tfal għandhom jiġu mwassla fir-residenza tal-attur u miġbura mill-imsemmija residenza mill-konvenuta jew min-nannu matern, filwaqt li għall-aċċess ta' tmiem il-ġimgħa jew kull meta jkun hemm *sleepover*, l-attur għandu jiġbor lil minuri u jwassalhom lura mir-residenza tal-konvenuta – sabiex b'hekk u ġialadarba l-partijiet joqgħodu 'il bogħod minn xulxin, l-attur ikun jista' jqatta' ħin ta' kwalita' ma' uliedu;

b. Matul l-aċċess l-attur għandu jillimita l-ħin tiegħu fuq iċ-ċellulari, u għandu jqatta' ħin ta' kwalita' ma' uliedu;

c. Matul l-aċċess, l-ulied li llum ma għadhomx daqstant żgħar jistgħu jiġu esposti għal kwalsiasi *partner* li jkollu l-attur salv illi tali relazzjoni tkun waħda stabbli u ta' durata ta' iktar minn sena;

d. Fil-ġranet li ma jkunx hemm aċċess, l-attur għandu d-dritt li jkellem telefonikament lill-uliedu sa massimu ta' darbtejn, fi żmien skolastiku mill-erbgħa ta' wara nofsinhar (4pm) sat-tmienja ta' filgħaxija (8pm), u fi żmien tal-vakanzi mit-tmienja ta' filgħodu (8am) sad-disgħa ta' filgħaxija (9pm), u dan fuq iċ-ċellulari li ngħata lit-tfal għal tali skop, liema ċellulari ma jistgħax jiġi mitfi, jew mċaħħad lit-tfal.

***Manteniment u Spejjeż relatati mas-Saħħa, Edukazzjoni u Attivitajiet Extra-Kurrikulari tal-Minuri, u Arretrati tal-istess:***

Stabbilit il-premess u in vista li l-kura u l-kustodja tal-minuri ser ikunu vestiti esklussivament f'idejn il-konvenuta u per konsegwenza jgħixu magħha, l-attur għandu jivversa manteniment bħala kontribuzzjoni finanzjarja għat-trobbija tal-minuri. Meta si tratta manteniment, il-Qorti fl-aħħar u l-iktar sentenzi riċenti tagħha, u ċjoe' dawk fl-ismijiet **Ottilie Micallef pro et noe vs A Joseph Mifsud**,[134] u **Romina Veneziani noe vs Dr Marc Sant**,[135] għalmet illi:

*"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum, anke saħansitra għal kartuna ħalib! F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Michelina Bezzina vs Julian Bezzina***,[136] *fejn ġie ribadit illi: "jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi*

[134] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar it-18 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 107/2015 AL), mhux appellata.
[135] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar is-27 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 152/2016 AL), mhux appellata.
[136] Deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellate (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).

*precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit*[137]*". ".*

Fil-każ odjern, jirriżulta li fl-ati ġie ppreżentat prospett ġuramentat ta' spejjeż wieħed mill-konvenuta datat 31 ta' Lulju 2017,[138] fejn tispjega li hija kienet tkopri l-ispejjeż kollha tal-minuri waħedha bil-għajnuna ta' missierha, fejn l-ispiża ta' xahar hija ta'madwar €1,500 inkluż l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari.[139] Madanakollu tgħid li kien hemm spejjeż oħra bħal nuċċali tal-vista tat-tifel, li meta tinbidel tinkorri spiża ta' madwar €200 jew €300. Tiddikjara ukoll li riċentament l-attur beda jissoministra s-somma ta' €100 fix-xahar għaż-żewġt ulied. Sabiex tikkorrabora dan hija ppreżentat numru ta' rċevuti.[140] Barra minn hekk, mill-atti jidher illi l-attur jinsab ingaġġjat fuq bażi *full-time* filwaqt li l-konvenuta għandha *clinic* space ġewwa Brown's Pharmacy. Magħdud ma' dan, jirriżulta li l-kwistjoni ta' manteniment *pendente lite* ġiet regolata u sa mis-6 ta' Settembru 2017, l-attur beda jħallas is-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) fix-xahar bħala manteniment għal minuri, oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tagħhom.

Tenut taċ-ċirkostanzi u l-provi mresqa, il-Qorti tinsab tal-fehma illi l-attur għandu jħallas lill-konvenuta s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar għal kull wild, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalunkwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-attur. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-attur huwa obbligat li jħallas manteniment għal uliedu E u F G, aħwa B D, sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jew min minnhom, jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż iċ-*Children's Allowance,* għandhom ikunu perċepibbli mill-konvenuta. F'każ li l-minuri jew min minnhom,

137 **Priscilla Cassar vs Robert D,** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar il-15 ta' Lulju 2014.
138 *Vide* l-atti tal-medjazzjoni.
139 Ċjoe' spejjeż ta' edukazzjoni, mediċini, ikel, ħwejjeġ, żraben, oġġetti tal-ħasil, stationery, ġugarelli, kotba, crafts, ħruġ kulturali, divertiment, internet, televiżjoni, lezzjonijiet tal-mużika u arti.
140 *Vide* l-atti tal-medjazzjoni.

jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilhom.

Magħdud ma' dan, il-Qorti tara illi tali ċifra ta' €200 għal kull wild, għandu japplika b'effett minn Ġunju 2011 fil-każ ta' E B D, u minn Settembru 2012 fil-każ ta' F G B D u dan skont il-prinċipju kif addottat fis-sentenza fl-ismijiet **Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri**.[141] Il-Qorti tfakkar illi l-obbligu tal-ħlas ta' manteniment għandu jibda mat-twelid, u minkejja l-fatt li l-attur jgħid illi huwa dejjem ikkontribwixxa finanzjarjament għal uliedu, ta' dan ma tresqet l-ebda prova. Għalhekk l-attur għandu jħallas lill-konvenuta s-somma ta' €26,400 f'arretrati ta' manteniment.[142]

Min-naħa l-oħra u fir-rigward ta' spejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari, il-Qorti tirribadixxi illi:

a. Rigward spejjeż ordinarji ta' edukazzjoni li dwarhom l-konvenuta ser tieħu dawk id-deċiżjonijiet esklussivament waħedha, ċjoe' uniformijiet, żraben tal-iskola, transport tal-iskola, kotba, *stationery*, basktijiet tal-iskola, *outings* tal-iskola, rigali tal-għalliema, u *parties* tal-iskola, dawn għandhom jitħallsu esklussivament mill-konvenuta, u dan għaliex il-konvenuta bl-ebda mod ma qed timpenja ruħha li tikkomunika mal-attur dawn l-affarijet, tant li taħt ġurament ikkonfermat li ma tridx tkellem lill-attur. Għalhekk, il-Qorti tara li in vista tal-ibusija ta' ras tal-konventa, tali spejjeż għandha tbatihom kollha hi;

b. Rigward spejjeż straordinarji relatati ma' edukazzjoni, ossija miżati tal-iskola u ta' privatijiet, kif ukoll safar organizzat mill-iskola jew xi ġita skolastika, dawn għandhom jinqasmu ugwalment mill-partijiet, b'dana illi d-diriġenti tal-iskola u għalliema tal-privat għandhom jinfurmaw lill-

[141] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar it-28 ta' Mejju 2015 (Rik. Nru. 24/2012 RGM), u l-prinċipju in kwistjoni ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 2016 (App. Nru. 24/2012/2): liema kawża ġiet intavolata nhar it-30 ta' Jannar 2012 u matul il-medjazzjoni, senjatament nhar l-14 ta' Novembru 2011, ngħata digriet *pendente lite* għall-manteniment ta' €120 kull erba' (4) ġimgħat. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Qorti pprosegwiet billi ordnat lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €200 kull erba' (4) ġimgħat b'effett mit-30 ta' Jannar 2012 (ċjoe' meta nbdiet il-kawża) sal-31 ta' Diċembru 2014, filwaqt li b'effett mill-1 ta' Jannar 2015 'il quddiem (qabel ma nqatat il-kawża) il-konvenut ġie kkundannat iħallas is-somma ta' €300 kull erba' ġimgħat, b'dan illi l-manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

[142] Din is-somma nħadmet hekk: (i) arretrati ta' manteniment għal E - €200 x 75 xahar (minn Ġunju 2011 sa Settembru 2017) li jammontaw għal €15,000, u (ii) arretrati ta' manteniment għal F G - €200 x 60 xahar (minn Settembru 2012 sa Settembru 2017) li jammontaw għal €12,000, u flimkien jagħmlu €27,000, li minnhom kellha titnaqqas is-somma ta' €600 li ħallas f'manteniment l-attur.

partijiet dwar tali miżata u kull wieħed mill-partijiet għandha tħallas sehemha direttament lill-iskola u/jew għalliema;

c. Rigward spejjeż ordinarji ta' saħħa li dwarhom il-konvenuta ser tieħu d-deċiżjonijiet esklussivament waħedha, ċjoe' viżti ta' tabib (*general practitioner*),[143] u mediċina, dawn ukoll għandhom jitħallsu esklussivament mill-konvenuta, u dan għall-istess raġuni surreferita;

d. Rigward spejjeż straordinarji ta' saħħa, inkluż interventi li ma jiġux koperti mill-isptar, viżti speċċjalizzati u mediċina preskritta mill-professuri jew tobba kkonċernati li dwarhom jiġi nfurmat l-attur, u nuċċali tal-viżta ta' E, dawn għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet;

e. Rigward spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari, u ċjoe' lezzjonijiet addizzjonali li fihom jitħarġu l-minuri, mhux ħruġ ġenerali, u dawn għandhom isiru bi qbil bejn il-partjiet u jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, b'dana illi għalliema in kwistjoni jew skola għandhom jinfurmaw lill-partijiet dwar tali miżata u kull wieħed mill-partijiet għandha tħallas sehemha direttament lill-iskola u/jew għalliema;

f. Rigward ħlas ta' tiġdid u/jew ħruġ ta' passaport, tali spejjjeż għandu jinqasmu ugwalment mill-partijiet;

g. Rigward safar personali, kull parti għandha tassumi l-ispejjeż għal safar organizzat minnha għal minuri.

F'arretrati ta' spejjeż, il-Qorti tara li l-konvenuta ppreżentat numru ta' rċevuti li flimkien jammontaw għal €8,769.78, u għalhekk qiegħda tordna lill-attur sabiex iħallas nofs tali somma bħala sehemu mill-istess spiża, u ċjoe' €4,384.89. Oltre dan, il-Qorti tordna lill-attur sabiex jirrifondi ukoll lill-konvenuta s-somma ta' €1,600 bħala sehemu mill-ispiża tan-nuċċali ta' Ġianluca sa minn meta kellu tlett (3) snin.[144] Għalhekk l-attur għandu jirrifondi s-somma ta' €5,984.89 f'arretrati

[143] Anke jekk il-Qorti taf li dawn mhux ser jiġu nkorsi stante li l-konvenuta nnifisha hija tabiba.
[144] Din is-somma nħadmet hekk: 8 snin (minn 2014 sa 2022) x €400 (spiża ta' nuċċalijiet ta' Ġianluca fis-sena) + €200 għal nofs is-sena 2023 = €3,400, li nofshom iridu jitħallsu mill-attur u ċjoe' €1,700. Minn din is-somma trid titnaqqas is-somma ta' €100 li l-partijiet ikkonfermaw li l-attur issoministra lill-konvenuta għall-ispejjeż inkorsi minnha fuq il-minuri.

ta' spejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri.

***<u>Ordinijiet Ulterjuri aitermini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta</u>:***

Il-ġurisprdenza nostrana hija ċara f'dan ir-rigward, u ċjoe' fejn *si tratta* l-interess suprem tal-minuri l-Qorti ma għandhiex tkun imxekkla bir-regoli stretti u rigorużi proċedurali, tant illi l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward. Il-Qorti tara li fiċ-ċirkostanzi huwa idoneju illi tordna:

a. L-attur jibqa' jircievi t-terapija li qed jieħu;

b. Il-konvenuta għandha tattendi ghal sessjonijiet ta' terapija kif irrakomandat Carmen Sammut fir-rapport taghha;

c. L-Agenzija Appoġġ għandha taddetta ħaddiema soċjali biex isegwu liż-żewg ulied minuri sakemm ikun hemm il-bżonn, u dan a spejjeż taż-żewġ partijiet.

Tali terapija hija importanti u għandha tkun intiża sabiex il-partijiet jegħlbu r-rabja li għandhom għal xulxin u *di piu'* sabiex il-konvenuta tasal f'punt li tkun tista' tibda tikkomunika mal-attur <u>limitatament</u> fuq il-minuri. Il-Qorti hija konvinta li l-konvenuta, li hija ukoll tabiba, għandha biżżejjed intelliġenza sabiex tagħraf illi l-*benessere* ta' uliedha huwa iktar importanti mill-ego tagħha. Il-Qorti tfakkar li din il-kawża ma hijiex waħda ta' firda personali, fejn wieħed irid bilfors jattakka lil persuna l-oħra, imma hija kawża sabiex in-neċessitajiet tal-ulied ikunu mismugħa, protetti u ssalvagwardjati. Mill-eżami tal-provi joħroġ ċar illi ma hemm xejn illi għandu jimpedixxi liż-żewġ partijiet milli jgawdu, iħobbu u jindukraw lill-uliedhom, anke jekk separatament. Għalhekk il-Qorti temmen illi tali terapija tista' tassisti liż-żewġ partijiet b'mod differenti, bil-għan illi finalment jegħlbu r-rabja u jaslu f'punt li jikkomunikaw b'mod ċivili ma' xulxin fl-interess tat-tfal. Dan biss, fil-fehma tal-Qorti jista' jgħin lit-tfal jikbru f'amjent iktar san.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-ewwel talba tal-attur, filwaqt illi tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali, u tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri tkun vestita esklussivament f'idejn il-konvenuta, dan anke billi l-minuri għandhom jibqgħu jirrisjedu mal-konvenuta ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-konvenuta stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha;

2. Tiċħad it-tieni talba tal-attur, filwaqt li tilqa' it-tieni talba rikonvenzjonali, u tordna lill-attur iħallas lill-konvenuta s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar għal kull wild, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalunkwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-attur. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-attur huwa obbligat li jħallas manteniment għal uliedu E u F G, aħwa B D, sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jew min minnhom, jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż iċ-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-konvenuta. F'każ li l-minuri jew min minnhom, jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilhom;

3. Tilqa' it-tielet talba tal-attur, u kif ukoll limitatament is-sitt talba rikonvenzjonali u s-seba' talba rikonvenzjonali, u tordna li l-attur għandu d-dritt jeżerċita aċċess għal uliedu billi:

   a. *<u>Fost il-ġimgħa</u>*, kull meta l-attur ikun *'off'* mill-4 ta' wara nofsinhar (4pm) sat-tmienja ta' filgħaxija (8pm) fil-perjodu skolastiku, b'dana illi l-istess aċċess fil-perjodu fejn l-minuri jkollhom il-vakanzi jiġi estiż sad-disgħa u nofs ta' filgħaxija (9.30pm);

b. <u>*Fi tmiem il-ġimgħa*</u>, għandu jkun hemm aċċess bi *sleepover* b'mod alternat mill-Ġimgħa mis-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30pm) ta' filgħaxija sal-għada s-Sibt sas-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30pm), u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt għall-Ħadd fl-istess ħin, b'dana illi fil-vakanzi tal-minuri għandu jiġi eżerċitat ukoll *sleepover* addizzjonali darba oħra meta l-attur ikun l-għada *'off'* fl-istess ħinijiet, u kif ukoll li l-attur għandu jara li l-minuri jagħmlu l-*homework* u joħodhom il-mużew u/jew kwalunkwe' attivita' extra-kurrikulari li jkollhom;

c. <u>*F'għeluq snin il-minuri*</u>: (i) meta tali ġurnata taħbat fost il-ġimgħa l-attur għandu jiġbor lill-minuri b'mod alternat mit-3pm sas-6pm, u s-sena ta' wara mis-6pm sad-9pm, u (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt jew il-Ħadd, l-attur għandu jiġbor lill-minuri b'mod alternat mid-9am sat-3pm, u s-sena ta' wara mit-3pm sad-9pm, u l-i*sleepover* fil-*weekend* meta għeluq snin il-minuri jaħbat fi tmiem il-ġimgħa għandu jkun skont il-ftehim tal-partijiet;

d. <u>*F'għeluq snin il-missier*</u>: (i) meta tali ġurnata taħbat fost il-ġimgħa l-attur għandu jiġbor lill-minuri mit-3pm sas-7.30pm, (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt, l-*ispleepover* għal dak il-*weekend* għandu jkun mill-Ġimgħa fis-sebgħa ta' filgħaxija (7pm) sas-Sibt sal-għaxra ta' filgħaxija (10pm), u (iii) meta tali ġurnata taħbat il-Ħadd, l-*isleepover* għal dak il-weekend għandu jkun mis-Sibt fis-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30pm) sal-Ħadd fid-disgħa ta' filgħaxija (9pm);

e. <u>*F'għeluq snin l-omm*</u>: (i) meta tali ġurnata taħbat meta l-attur ikun *'off'* meta jkun imissu l-aċċess l-attur, tali aċċess għandu jintilef b'dana li jiġi eżerċitat l-għada fl-istess ħinijiet, (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt, l-i*sleepover* għandu jsir mill-Ġimgħa fit-tlieta ta' wara nofsinhar (3pm) sas-Sibt fis-sebgħa u nofs ta' filgħodu (7.30am), u għal dak il-*weekend* biss ikollu dritt ukoll għal aċċess ma' uliedu l-Ħadd mill-ħdax ta' filgħadu (11am) sal-ħamsa ta' wara nofsinhar (5pm), u (iii) meta tali ġurnata taħbat il-Ħadd, l-i*sleepover* għandu jsir l-Ġimgħa mill-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm) sas-Sibt sal-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm);

f. <u>*Dak il-Ħadd li jaħbat Jum il-Missier*</u>, l-i*sleepover* għal dak il-*weekend* ikun mis-Sibt għal Ħadd mill-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm) sal-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm);

g. <u>*Dak il-Ħadd li jaħbat Jum l-Omm*</u>, għal dak il-*weekend* partikolari, l-*isleepover* għandu jkun mill-Ġimgħa fil-ħamsa nu nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm) sas-Sibt sal-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm);

h. <u>*Fil-festi pubbliċi li jaħbtu matul il-ġimgħa*</u>, il-partijiet għandhom igawdu tali ġurnata flimkien ma' uliedhom b'mod alternat, b'dana illi jkun hemm hemm *sleepover* lejliet dik il-festa li l-minuri jkunu ser iqattgħu mal-attur mill-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm) sal-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm). L-ewwel festa pubblika wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat għandha tiġi mgawdija mill-attur ma' uliedu;

i. <u>*F'Lejliet il-Milied u Jum il-Milied*</u>, għall-ewwel sena wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u b'mod alternat, l-attur ikollu aċċess bi *sleepover* mill-24 ta' Diċembru mill-ħamsa u nofs ta wara nofsinhar (5.30pm) sal-25 ta' Diċembru sal-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm), u fis-sena sussegwenti mill-25 ta' Diċembru fil- ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm) sas-26 ta' Diċembru sal- ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm);

j. <u>*F'Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena*</u>, għal-ewwel sena wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u b'mod alternat, l-attur ikollu aċċess bi *sleepover* mill-1 ta' Jannar fil- ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm) sat-2 ta' Jannar sal- ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm), u fis-sena sussegwenti mill-31 ta' Jannar fil- ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm) sal-1 ta' Jannar sal- ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm).

Magħdud mal-premess, il-Qorti tordna ukoll is-segwenti:

a. Għall-aċċess ta' matul il-ġimgħa, it-tfal għandhom jiġu mwassla fir-residenza tal-attur u miġbura mill-imsemmija residenza mill-konvenuta jew min-nannu matern, filwaqt li għall-aċċess ta' tmiem il-ġimgħa jew kull meta jkun hemm *sleepover*, l-attur għandu jiġbor lil minuri u

jwassalhom lura mir-residenza tal-konvenuta – sabiex b'hekk u ġialadarba l-partijiet joqgħodu 'il bogħod minn xulxin, l-attur ikun jista' jqatta' ħin ta' kwalita' ma' uliedu;

b. Matul l-aċċess l-attur għandu jillimita l-ħin tiegħu fuq iċ-ċellulari, u għandu jqatta' ħin ta' kwalita' ma' uliedu;

c. Matul l-aċċess, l-ulied li llum ma għadhomx daqstant żgħar jistgħu jiġu esposti għal kwalsiasi *partner* li jkollu l-attur salv illi tali relazzjoni tkun waħda stabbli u ta' durata ta' iktar minn sena;

d. Fil-ġranet li ma jkunx hemm aċċess, l-attur għandu d-dritt li jkellem telefonikament lill-uliedu sa massimu ta' darbtejn, fi żmien skolastiku mill-erbgħa ta' wara nofsinhar (4pm) sat-tmienja ta' filgħaxija (8pm), u fi żmien tal-vakanzi mit-tmienja ta' filgħodu (8am) sad-disgħa ta' filgħaxija (9pm), u dan fuq iċ-ċellulari li ngħata lit-tfal għal tali skop, liema ċellulari ma jistgħax jiġi mitfi, jew mċaħħad lit-tfal;

4. Tilqa' limitatament ir-raba' talba tal-attur, u tordna illi:

a. *Id-deċiżjonijiet ta' natura ordinarja* għandhom jittiehdu mill-konvenuta waħedha, u ċjoe' dawk id-deċiżjonijiet bażiċi li jirrelataw mal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri b'dana illi l-ispejejż tal-istess għandhom jiġu inkorsi esklussivament minnha stante illi hija adamanti illi ma tridx tkellem lill-attur dwar dak kollu li jaffettwa lill-uliedha, filwaqt li,

b. *Id-deċiżjonijiet ta' natura straordinarja* li speċifikament jinkludu: (i) tibdil ta' skola, (ii) interventi ta' saħħa fejn ikun rikjest li ssir operazzjoni, (iii) fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, (iv) applikazzjoni għal attivitajiet extra-kurrikulari, (iv) applikazzjoni u tiġdid ta' passaport tal-minuri, u (v) safar barra minn Malta, għandhom jittieħdu b'mod konġunt mill-partijiet. B'dana illi l-konvenuta għandha tinforma lill-attur minnufih u mhux iktar tard minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa b'tali kwistjonijiet permezz ta' messaġġi fuq iċ-ċellulari, iżda qatt ma għandha ssir tramite t-tfal, b'dana illi meta jkun il-każ l-ispejjeż involuti għandhom jinqasmu ugwament bejn it-tnejn u għandhom jiġu ppreżentati

lill-parti l-oħra l-irċevuti neċessarji mhux iktar tard minn jumejn b'dana illi l-ħlas tal-istess għandu jsir entro erbgħa u għoxrin (24) siegħa. F'każ illi tali ordni ma tiġix segwita, jew inkella ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet dwar tali kwistjonijiet, din għandha tinġieb quddiem il-Qorti kompetenti ħalli tara hi x'ikun fl-aħjar interess tal-minuri;

c. L-attur għandu: (a) jiġi nfurmat bl-iskola fejn jattendu l-minuri, (b) dritt li jkollu aċċess għall-informazzjoni dwar il-minuri mingħand id-diriġenti tal-iskola, l-awtoritajiet tal-isptar u t-tobba kuranti tal-istess minuri, (ċ) jiġi nfurmat mill-konvenuta meta l-minuri jkunu ma jiflilħux jew rikoverati l-isptar, (d) jitħalla mill-awtoritajiet tal-isptar jidħol ħdejn il-minuri f'każ li jkunu rikoverati l-isptar, (e) jattendi *Prize Day* u *Parents' Day*, (f) jitlob informazzjoni dwar il-minuri mingħand l-għalliema extra-kurrikulari tagħhom; u

d. Il-passaport tal-minuri għandu jinżamm fil-pussess tal-konvenuta.

5. Tilqa' il-ħames talba tal-attur u tordna:

   a. L-attur jibqa' jircievi t-terapija li qed jieħu;

   b. Il-konvenuta għandha tattendi ghal sessjonijiet ta' terapija kif irrakomandat Carmen Sammut fir-rapport taghha;

   c. L-Agenzija Appoġġ għandha taddetta ħaddiema soċjali biex isegwu liż-żewg ulied minuri sakemm ikun hemm il-bżonn, u dan a spejjeż taż-żewġ partijiet;

6. Tiċħad is-sitt talba tal-attur rigward l-ispejjeż;

7. Tilqa' it-tielet talba rikonvenzjonali, u tordna illi l-manteniment kif ordnat f'din is-sentenza japplika b'effett minn Ġunju 2011 fil-każ ta' E B D, u minn Settembru 2012 fil-każ ta' F G B D, b'dana illi l-attur għandu jħallas lill-konvenuta s-somma ta' €26,400 f'arretrati ta' manteniment;

8. Tilqa' limitatament ir-raba' talba rikonvenzjonali, u tordna:

a. Rigward spejjeż ordinarji ta' edukazzjoni li dwarhom l-konvenuta ser tieħu dawk id-deċiżjonijiet esklussivament waħedha, ċjoe' uniformijiet, żraben tal-iskola, transport tal-iskola, kotba, *stationery*, basktijiet tal-iskola, *outings* tal-iskola, rigali tal-għalliema, u *parties* tal-iskola, dawn għandhom jitħallsu esklussivament mill-konvenuta, u dan għaliex il-konvenuta bl-ebda mod ma qed timpenja ruħha li tikkomunika mal-attur dawn l-affarijet, tant li taħt ġurament ikkonfermat li ma tridx tkellem lill-attur. Għalhekk, il-Qorti tara li in vista tal-ibusija ta' ras tal-konventa, tali spejjeż għandha tbatihom kollha hi;

b. Rigward spejjeż straordinarji relatati ma' edukazzjoni, ossija miżati tal-iskola u ta' privatijiet, kif ukoll safar organizzat mill-iskola jew xi ġita skolastika, dawn għandhom jinqasmu ugwalment mill-partijiet, b'dana illi d-diriġenti tal-iskola u għalliema tal-privat għandhom jinfurmaw lill-partijiet dwar tali miżata u kull wieħed mill-partijiet għandha tħallas sehemha direttament lill-iskola u/jew għalliema;

c. Rigward spejjeż ordinarji ta' saħħa li dwarhom il-konvenuta ser tieħu d-deċiżjonijiet esklussivament waħedha, ċjoe' viżti ta' tabib (*general practitioner*), u mediċina, dawn ukoll għandhom jitħallsu esklussivament mill-konvenuta, u dan għall-istess raġuni surreferita;

d. Rigward spejjeż straordinarji ta' saħħa, inkluż interventi li ma jiġux koperti mill-isptar, viżti speċċjalizzati u mediċina preskritta mill-professuri jew tobba kkonċernati li dwarhom jiġi nfurmat l-attur, u nuċċali tal-viżta ta' E, dawn għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet;

e. Rigward spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari, u ċjoe' lezzjonijiet addizzjonali li fihom jitħarġu l-minuri, mhux ħruġ ġenerali, u dawn għandhom isiru bi qbil bejn il-partjiet u jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, b'dana illi għalliema in kwistjoni jew skola għandhom jinfurmaw lill-partijiet dwar tali miżata u kull wieħed mill-partijiet għandha tħallas sehemha direttament lill-iskola u/jew għalliema;

f. Rigward ħlas ta' tiġdid u/jew ħruġ ta' passaport, tali spejjjeż għandu jinqasmu ugwalment mill-partijiet;

g. Rigward safar personali, kull parti għandha tassumi l-ispejjeż għal safar organizzat minnha għal minuri;

9. Tilqa' il-ħames talba rikonvenzjonali u tordna lill-attur iħallas lill-konvenuta is-somma ta' €5,984.89 f'arretrati ta' spejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri;

10. Tasjtejni milli tieħu konjizzjoni tat-tmien talba rikonvenzjonali stante li din ġiet sorvolata fil-mertu tal-kawża u għalhekk il-mertu ta' tali talba ġie eżawrit.

Bl-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.